IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.2.2013
COM(2013) 45 final

2013/0025 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 21 final}
{SWD(2013) 22 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

L-għanijiet ewlenin tal-miżuri proposti huma li jissaħħaħ is-Suq Intern billi titnaqqas il-kumplessità bejn il-fruntieri, biex jiġu salvagwardjati l-interessi tas-soċjetà mill-kriminalità u atti terroristiċi, biex tiġi ssalvagwardjata l-prosperità ekonomika tal-Unjoni Ewropea billi jiġi żgurat ambjent kummerċjali effiċjenti, biex jikkontribwixxu għall-istabbiltà finanzjarja billi jiġu protetti s-sodezza, il-funzjonament xieraq u l-integrità tas-sistema finanzjarja.

Dawn l-għanijiet ser jinkisbu billi tiġi żgurata konsistenza bejn l-approċċ tal-UE u dak internazzjonali; l-iżgurar tal-konsistenza bejn ir-regoli nazzjonali, kif ukoll il-flessibilità fl-implimentazzjoni tagħhom; l-iżgurar li r-regoli huma ffokati fuq ir-riskji u aġġustati biex jindirizzaw it-theddidiet ġodda li jfeġġu.

Barra minn hekk, din il-proposta tinkorpora u tirrevoka d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE[1] tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE, u b'hekk ittejjeb il-fehim u l-aċċessibilità tal-qafas leġiżlattiv dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (anti-money laundering - AML) għall-partijiet interessati kollha.

Il-Kummissjoni beħsiebha tikkomplimenta l-proposta attwali billi ssaħħaħ ir-rispons ripressiv tal-UE għall-ħasil tal-flus. Għalhekk, fl-2013 huwa ppjanat li tiġi proposta armonizzazzjoni tal-liġi kriminali għal dan ir-reat fuq il-bażi tal-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[2].

Kuntest ġenerali

It-tneħħija tal-fruntieri fi ħdan is-Suq Intern ma jiffaċilitax biss it-twaqqif jew l-iżvilupp ta' negozji leġittimi madwar l-UE, iżda jista' jipprovdi wkoll opportunitajiet ikbar għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għaldaqstant, il-kriminali attivi fil-ħasil tal-flus jistgħu jippruvaw jaħbu n-natura, is-sors jew min hu s-sid veru tal-assi inkwistjoni u jittrasformawhom f'rikavat li jkun jidher leġittimu. Barra minn hekk, il-finanzjament tat-terroriżmu jista' jiġi ffinanzjat kemm permezz ta' attivitajiet leġittimi kif ukoll attivitajiet kriminali, peress li l-organizzazzjonijiet terroristiċi jidħlu f'attivitajiet li jiġġeneraw dħul li minnhom infushom jistgħu jkunu, jew tal-inqas jidhru li jkunu, leġittimi. Għalhekk, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu joħolqu riskju għoli għall-integrità, il-funzjonament xieraq, ir-reputazzjoni u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, b'konsegwenzi potenzjalment devastanti għas-soċjetà ġenerali.

Il-leġiżlazzjoni Ewropea ġiet adottata biex tħares il-funzjonament xieraq tas-sistema finanzjarja u tas-Suq Intern. Madankollu, n-natura li dejjem tinbidel tat-theddidiet minn ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, li hija ffaċilitata mill-evoluzzjoni kostanti fit-teknoloġija u l-mezzi għad-dispożizzjoni tal-kriminali, teħtieġ adattament permanenti tal-qafas legali biex jilqa' kontra dawn it-theddidiet.

[1] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29.
[2] http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/docs/2013_home_006_money_laundering_en.pdf

Fil-livell tal-UE, id-Direttiva 2005/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-kamp ta' applikazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu[3] (aktar 'il quddiem imsejħa t-Tielet AMLD) tistabbilixxi l-qafas magħżul biex jiġu protetti s-sodezza, l-integrità u l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja sħiħa, kontra r-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. Ir-regoli tal-UE huma fil-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati fuq standards internazzjonali adottati mit-Task Force għal Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force - FATF) u, billi d-Direttiva ssegwi approċċ ta' armonizzazzjoni minima, il-qafas huwa kkompletat b'aktar regoli adottati fuq il-livell nazzjonali.

Fil-livell internazzjonali, fi Frar 2012 l-FATF għamlet analiżi fundamentali tal-istandards internazzjonali u adottat ġabra ġdida ta' Rakkomandazzjonijiet.

B'mod parallel mal-proċess internazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-reviżjoni tagħha stess tal-qafas Ewropew. Reviżjoni tad-Direttiva f'dan iż-żmien tkompli żżid mar-Rakkomandazzjonijiet reveduti tal-FATF, li minnhom infushom jirrappreżentaw tisħiħ sostanzjali tal-qafas għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Id-Direttiva nnfisha ssaħħaħ aktar elementi tar-Rakkomandazzjonijiet riveduti, b'mod partikolari b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni (bl-inklużjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' logħob tal-azzard u negozjanti ta' prodotti b'limitu ta' EUR 7 500), informazzjoni dwar s-sjieda benefiċjarja (li għandha tkun disponibbli lill-entitajiet obbligati u l-awtoritajiet kompetenti), u fid-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet. Tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li tiżdied l-effettività tal-miżuri dwar l-AML billi jiġi adattat il-qafas legali bil-għan li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu fil-livell xieraq u bil-grad neċessarju ta' flessibilità sabiex ikun jista' jsir adattament għas-sitwazzjonijiet u l-atturi differenti. Bħala konsegwenza ta' dan, id-Direttiva, filwaqt li tistabbilixxi livell għoli ta' standards komuni, teħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji u l-entitajiet obbligati jivvalutaw ir-riskju u jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni adegwati li jixirqu għat-tali riskju. Dan jirriżulta f'Direttiva inqas dettaljata f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri konkreti li għandhom jittieħdu.

Dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam

Ġew adottati bosta strumenti legali biex jiġi żgurat li fil-livell tal-UE jkun hemm qafas effettiv għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Dawk l-aktar importanti huma:

– It-Tielet Direttiva dwar l-AML, li tkopri ħafna mill-40 Rakkomandazzjoni tal-FATF u wħud mid-9 Rakkomandazzjonijiet Speċjali tal-FATF;

– Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-kontribwent, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi[4], li jimplimenta l-SR VII tal-FATF fuq trasferimenti elettroniċi;

– Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità[5], li jimplimenta l-SR IX tal-FATF fuq il-kurriera tal-flus;

[3] ĠU L 309, 25.11.2005, p.15.
[4] ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1.
[5] ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9.

– Id-Direttiva 2007/64/KE tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern[6] (Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas) li, flimkien mat-Tielet AMLD, timplimenta l-SR VI tal-FATF dwar mezzi alernattivi ta' trasferimenti ta' flus;

– Ir-Regolament (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu[7] li, flimkien mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002[8] li jimplimenta sanzjonijiet tan-NU kontra l-Al Qai'da u t-Taliban, jimplimenta parti mill-SR III tal-FATF fuq l-iffriżar tal-assi ta' terroristi.

Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

L-adattament propost tal-qafas dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu huwa kompletament koerenti mal-politiki tal-UE f'oqsma oħrajn. B'mod partikulari:

– il-Programm ta' Stokkolma[9], li għandu l-għan li jikseb Ewropa miftuħa u sigura li taqdi u tħares liċ-ċittadini, issejjaħ lill-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex ikomplu jiżviluppaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-FIUs, fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;

– l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE[10] tidentifika l-aktar sfidi urġenti għas-sigurtà tal-UE fis-snin li ġejjin u tipproponi ħames għanijiet strateġiċi u azzjonijiet speċifiċi għall-2011-2014 biex tgħin lill-UE ssir aktar sigura. Dan jinkludi l-indirizzar tal-ħasil tal-flus u l-prevenzjoni tat-terroriżmu. Ġie rikonoxxut b'mod speċifiku l-bżonn li jiġi aġġornat il-qafas tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu bil-għan li titjieb it-trasparenza tal-persuni legali u l-arranġamenti legali;

– il-potenzjal għal użu ħażin ta' teknoloġiji ġodda biex jinħbew tranżazzjonijiet u biex tinħeba l-identità jagħmilha aktar importanti għall-Istati Membri biex ikunu konxji tal-iżviluppi teknoloġiċi u biex jiġi simultat l-użu tal-identifikazzjoni elettronika, il-firma elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi, skont il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għat-tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern[11].

– f'Marzu 2012, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn kriminalità fl-UE[12] li għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ sistema effiċjenti biex jiffriżaw, jamministraw u jikkonfiskaw assi kriminali, appoġġjati mis-sistema istituzzjonali, ir-riżorsi umani u finanzjarji neċessarji;

---

6 ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.
7 ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.
8 ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
9 ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
10 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura" (COM(2010)673 finali).
11 COM(2012)238/2
12 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (COM(2012)085 finali).

– fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta, il-kjarifiki proposti għat-Tielet AMLD huma kompletament konformi mal-approċċ stipulat fil-proposti riċenti tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta[13], li fihom hemm dispożizzjoni speċifika[14] li tagħti setgħa lill-UE jew lil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jirrestringu l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u d-drittijiet stipulati fl-abbozz tar-regolament fuq numru ta' raġunijiet speċifikati, inklużi l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati;

– fir-rigward tas-sanzjonijiet, il-proposta għall-introduzzjoni ta' ġabra ta' regoli minimi bbażati fuq prinċipji għat-tisħiħ tas-sanzjonijiet amministrattivi hija kompletament konformi mal-politika tal-Kummissjoni kif spjegata fil-Komunikazzjoni tagħha "Tisħiħ tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji"[15];

– fir-rigward tal-inklużjoni finanzjarja, ġie rikonoxxut il-fatt li l-applikazzjoni ta' approċċ kajman iż-żejjed għas-salvagwardji kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu jista' jkollha l-konsegwenza mhux ippjanata ta' esklużjoni ta' negozji u konsumaturi leġittimi mis-sistema finanzjarja. Fuq din il-kwistjoni saret ħidma fil-livell internazzjonali[16] biex tiġi pprovduta gwida bil-għan li l-pajjiżi u l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom jiġu appoġġjati fit-tfassil tal-miżuri għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li jilħqu l-għan nazzjonali ta' inklużjoni finanzjarja mingħajr ma jxekklu l-miżuri li jeżistu għall-fini ta' ġlieda kontra l-kriminalità. Fil-livell tal-UE, bħalissa qiegħda tiġi kkunsidrata l-kwistjoni ta' inklużjoni finanzjarja bħala parti mill-ħidma fuq il-pakkett dwar il-Kontijiet Bankarji;

– fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-persuni jew awtoritajiet (inkluż il-qrati u l-korpi amministrattivi) ikkonċernati bil-valutazzjoni tal-ġbir ta', bl-infurzar jew bil-prosekuzzjoni fir-rigward ta', jew bid-determinazzjoni tal-appelli fir-rigward ta' taxxi jew kwalunkwe imposta pubblika oħra, il-proposta hija konsistenti mal-approċċ għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa[17] segwita fuq livell internazzjonali fil-fatt li ġiet inkluża referenza speċifika għal reati fiskali fi ħdan ir-reati serji li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jwasslu għal offiżi marbutin mal-ħasil tal-flus. It-titjib fil-proċeduri ta' diliġenza dovuta mal-klijent għal għanijiet ta' AML għandu wkoll jassisti fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa.

---

13 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta (COM(2012)010 finali) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali) (COM(2012)011 finali).

14 L-Artikolu 21 tar-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali.

15 COM(2010)716 finali.

16 "Miżuri għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-Inklużjoni Finanzjarja", FATF, Ġunju 2011.

17 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2012, COM(2012)722 finali

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

F'April 2012, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni tat-Tielet AMLD u talbet lill-partijiet interessati kollha biex jgħaddu kummenti. Ir-rapport iffoka fuq għadd ta' temi ewlenin identifikati (eż. inkluża l-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas eżistenti, l-aġġustament tal-approċċ għad-diliġenza dovuta mal-klijenti, il-kjarifika tal-obbligi ta' rapportar u s-setgħat superviżorji, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-FIU, eċċ.), li kienu essenzjali għar-reviżjoni tat-Tielet AMLD.

Il-Kummissjoni rċiviet 77 kontribuzzjoni minn awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili, federazzjonijiet kummerċjali u kumpaniji f'bosta oqsma (inklużi s-servizzi finanzjarji, is-settur tal-logħob tal-azzard, il-professjonijiet liberali, is-settur immobiljari, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u kumpaniji), li rrappreżentaw firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Daħal numru addizzjonali ta' kummenti, dokumenti dwar il-pożizzjoni u kontribuzzjonijiet wara li ntemmet il-konsultazzjoni.

Ir-riżultati globali tal-konsultazzjoni[18] jindikaw konferma ġenerali tal-kwistjonijiet u l-problemi enfasizzati mir-Rapport tal-Kummissjoni, kif ukoll appoġġ ġenerali għall-allinjament propost għall-istandards reveduti tal-FATF u għal kjarifika ikbar f'ċerti oqsma (jiġifieri l-protezzjoni tad-dejta u kif jiġu applikati r-regoli f'sitwazzjonijiet transkonfinali).

L-użu tal-kompetenza

Saru sforzi notevoli biex tinkiseb evidenza f'dan il-qasam u sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni sħiħa tal-partijiet interessati differenti.

B'mod partikolari, matul l-2010, sar studju mill-konsulenti esterni Deloitte[19] f'isem il-Kummissjoni biex tiġi mistħarrġa l-applikazzjoni tat-Tielet Direttiva dwar l-AML.

Il-valutazzjoni tal-impatt

Il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt[20], fejn analizzat il-konsegwenzi potenzjali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. B'mod partikolari, is-sistema finanzjarja li tonqos milli tipprevjeni l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tista' twassal għal impatti ekonomiċi negattivi (li jirriżultaw minn tfixkil għall-flussi kapitali internazzjonali, investiment imnaqqas u tkabbir ekonomiku mnaqqas) u instabbiltà tas-suq finanzjarju (li tirriżulta minn riluttanza ta' intermedjarji finanzjarji li jidħlu f'negozju, telf ta' reputazzjoni, telf ta' kunfidenza u riskji prudenzjali).

Ġew eżaminati l-kawżi tal-problemi li ġejjin:

– l-applikazzjoni differenti tar-regoli eżistenti tal-UE fost l-Istati Membri, li twassal għal inqas ċertezza legali;

[18] Id-dikjarazzjoni ta' rispons hija disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/company/financial-crime/index_en.htm
[19] L-istudju hu disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/company/financial-crime/index_en.htm
[20] Il-valutazzjoni tal-impatt hi disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/company/financial-crime/index_en.htm

– l-inadegwatezza u l-lakuni fir-rigward tar-regoli attwali tal-UE;

– l-inkonsistenza tar-regoli attwali mal-istandards internazzjonali riveduti dan l-aħħar.

Dan jeħtieġ il-kisba tal-objettivi operazzjonali li ġejjin:

– tiġi żgurata konsistenza bejn ir-regoli nazzjonali u, fejn xieraq, flessibilità fl-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' tisħiħ u kjarifika tar-rekwiżiti attwali;

– jiġi żgurat li r-regoli huma ffokati fuq ir-riskju u aġġustati biex jindirizzaw theddidiet ġodda li jfeġġu, permezz ta' tisħiħ u kjarifika tar-rekwiżiti attwali;

– jiġi żgurat li l-approċċ tal-UE jkun konsistenti mal-approċċ segwit fil-livell internazzjonali billi jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni, jissaħħu u jiġu ċċarati r-rekwiżiti attwali.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-aqwa alternattivi sabiex titjieb is-sitwazzjoni eżistenti tkun:

– *Twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni biex ikopri l-logħob tal-azzard*: twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva lil hinn mill-"każinòs" biss sabiex jiġi kopert is-settur tal-logħob tal-azzard;

– *Livelli limitu għan-negozjanti fi prodotti*: tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni u l-livelli limitu ta' diliġenza dovuta mal-klijenti għan-negozjanti fi prodotti ta' valur għoli minn EUR 15 000 sa EUR 7 500 għal tranżazzjonijiet fi flus kontanti;

– *Reġimi ta' sanzjonijiet*: introduzzjoni ta' ġabra ta' regoli minimi bbażati fuq prinċipji biex jissaħħu s-sanzjonijiet amministrattivi;

– *Il-paragunabbiltà tad-dejta statistika:* tisħiħ u pprecizar tar-rekwiżit dwar il-ġbir u r-rapportar ta' dejta statistika;

– *Protezzjoni tad-dejta:* l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet fid-Direttiva biex tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn il-ġlieda kontra l-ħasil fil-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-dejta;

– *L-inklużjoni tar-reati fiskali fil-kamp ta' applikazzjoni*: l-inklużjoni ta' referenza espliċita għar-reati fiskali bħala reat predikat;

– *Id-disponibilità ta' informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju:* il-kumpaniji kollha jintalbu jżommu informazzjoni fuq is-sjieda benefiċjarja tagħhom;

– *L-Identifikazzjoni tas-Sid Benefiċjarju (BO):* iż-żamma tal-approċċ li jeħtieġ identifikazzjoni tal-BO minn livell limitu tas-sjieda ta' 25%, iżda jiġi ċċarat għal xiex jirreferi l-"livell limitu ta' 25%";

– *Ir-responsabilitajiet superviżorji għall-AML fil-pajjiż ta' oriġini u dak ospitanti*: l-introduzzjoni ta' regoli ġodda li jiċċaraw li l-fergħat u s-sussidjarji li jinstabu fi Stati Membri oħrajn u mhux f'dak tal-uffiċċju prinċipali japplikaw ir-regoli dwar l-AML tal-istat ospitanti u jissaħħu l-arranġamenti dwar il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri tal-pajjiż ta' oriġini u dak ospitanti;

- *Kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Unitajiet ta' Intelliġenza Finanjarja (FIUs)*: l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda li jsaħħu s-setgħat u l-kooperazzjoni tal-FIUs;

- *Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali*: l-introduzzjoni ta' rekwiżit sabiex l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tar-riskju fil-livell nazzjonali u jieħdu miżuri biex itaffu r-riskji;

- *Diliġenza Dovuta mal-Klijenti*: sabiex l-Istati Membri jiżguraw li ssir diliġenza dovuta msaħħa f'ċerti sitwazzjonijiet ta' riskju għoli, filwaqt li jkunu jistgħu jippermettu diliġenza dovuta ssimplifikata f'sitwazzjonijiet ta' riskju aktar baxx;

- *L-ekwivalenza ta' reġimi ta' pajjiżi terzi*: it-tneħħija tal-proċess tal-"lista bajda";

- *Approċċ Sensittiv għar-Riskju lejn is-Superviżjoni:* rikonoxximent speċifiku fid-Direttiva li s-superviżjoni tista' ssir fuq bażi ta' sensittività għar-riskju;

- *It-Trattament ta' Persuni Esposti b'mod Politiku (PEPs):* l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda għal PEPs domestiċi/PEPs li jaħdmu f'organizzazzjonijiet internazzjonali, b'miżuri sensittivi għar-riskju li għandhom jiġu applikati.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt analizzat l-impatt tal-proposti leġiżlattivi fuq id-Drittijiet Fundamentali. B'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-proposti jfittxu b'mod partikolari li jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8 tal-Karta) billi jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li fihom tista' tinġabar, tiġi maħżuna u ttrasferita d-dejta personali. Il-proposti ma huma ser iġibu l-ebda bidla u għalhekk ma għandhom l-ebda impatt fuq id-dritt għal rimedju effettiv u proċess imparzjali (l-Artikolu 47 tal-Karta) li ma jinkisrux mid-Direttiva hekk kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (Kawża C-305/05). Ir-rispett għall-ħajja privata (l-Artikolu 7), il-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16) u n-non-diskriminazzjoni (l-Artikolu 21) ittieħdu f'kunsiderazzjoni kif xieraq. Finalment, il-proposta ser tgħin b'mod indirett sabiex jiġi protett id-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2 tal-Karta).

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Bażi legali

Il-proposta attwali hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE.

Sussidjarjetà u proporzjonalità

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

Il-premessa 2 tat-Tielet AMLD tixħet dawl fuq il-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ miżuri fil-livell tal-UE bil-għan li jipproteġu s-sodezza, l-integrità u l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, "sabiex ikun evitat li l-Istati Membri jadottaw miżuri għall-protezzjoni tas-sistemi finanzjarji tagħhom li jistgħu jkunu inkonsistenti mat-tħaddim tas-suq intern u l-preskrizzjonijiet tal-istat tad-dritt u l-ordni pubbliku Ewropew, hija meħtieġa azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam".

Peress li l-flussi enormi ta' flus li ġejjin b'mezzi kriminali u l-finanzjament tat-terroriżmu jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu lis-suq intern, kwalunkwe miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jista' jkollhom effetti negattivi fuq is-Suq Uniku tal-UE: nuqqas ta' regoli kkoordinati bejn l-Istati Membri bil-għan li jipproteġu s-sistemi finanzjarji tagħhom jistgħu jkunu inkonsistenti mal-funzjonament tas-suq intern u jirriżultaw fi frammentazzjoni. L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata wkoll sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE – b'entitajiet fl-Istati Membri kollha soġġetti għal ġabra konsistenti ta' obbligi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-bidliet proposti għar-regoli huma proporzjonali mal-għanijiet. Bl-impożizzjoni ta' limiti fuq il-kamp ta' applikazzjoni u fuq id-diliġenza dovuta mal-klijent, il-Kummissjoni ħadet passi proporzjonali biex tiġi limitata l-applikabbiltà tad-Direttiva, fejn xieraq. Barra minn hekk, id-Direttiva tippermetti li jittieħdu miżuri preventivi mill-SMEs biex ikunu proporzjonali mad-daqs u n-natura tal-entità obbligata. Fl-istess ħin, billi jiġi żgurat approċċ ibbażat fuq ir-riskju magħmul apposta u flessibbli, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu limitati milli jadottaw miżuri u jieħdu azzjonijiet kif meħtieġ għal kontra theddid importanti li jistgħu jaffaċċjaw fuq il-livell nazzjonali. Dawn il-miżuri huma aktar xierqa għal Direttiva milli Regolament armonizzat b'mod sħiħ, bl-inklużjoni ta' proċessi fuq livell tal-UE li jiżguraw koordinazzjoni u żvilupp aħjar ta' approċċi supranaturali, flimkien ma' aktar armonizzazzjoni f'oqsma speċifiċi li tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet tal-UE. Għalkemm l-iżgurar ta' sistema effettiva ta' finanzjar ABE/kontra t-terroriżmu jinvolvi spiża għal entitajiet obbligati (dawn l-ispejjeż ġew analizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatt), il-Kummissjoni tikkunsidra li l-benefiċċji assoċjati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu se jkomplu jkunu ikbar mill-ispejjeż.

L-evalwazzjoni tal-istandards internazzjonali l-ġodda ser tibda fir-raba' trimestru tal-2013. Sakemm il-Kummissjoni ma tipprovdix indikazzjonijiet ċari u bikrijin dwar l-approċċ mixtieq mill-UE lejn l-implimentazzjoni tagħhom, hemm riskju li dawk l-Istati Membri tal-UE li ser jiġu evalwati l-ewwel ser jagħżlu soluzzjonijiet li jistgħu ma jaqblux mal-approċċ propost mill-UE, u b'hekk isir aktar diffiċli biex jintlaħaq ftehim fuq ir-regoli komuni tal-UE.

Finalment, bl-adozzjoni tal-istandards internazzjonali riveduti, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha tal-UE assumew impenji (jew direttament jew permezz tas-soċjetà tagħhom fl-FATF jew Moneyval) biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

Il-modifiki ewlenin fit-Tielet AMLD huma:

– *L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva* huwa propost li jsiru żewġ bidliet ewlenin fil-kamp ta' applikazzjoni:

(a) il-livell limitu għan-negozjanti fi prodotti ta' valur għoli li jinnegozjaw bi ħlasijiet fi flus kontanti irid jitnaqqas minn EUR 15 000 għal EUR 7 500. Bħalissa, in-negozjanti fi prodotti huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jekk jinnegozjaw bi ħlasijiet fi flus kontanti ta' EUR 15 000 jew aktar. Wara li daħlet informazzjoni mill-Istati Membri li dan il-livell limitu relattivament għoli kien qed jiġi sfruttat mill-kriminali, ġie propost li dan jitbaxxa għal EUR 7 500. Barra minn hekk, il-proposta l-ġdida teħtieġ li n-negozjanti jwettqu diliġenza dovuta mal-klijenti meta jagħmlu tranżazzjoni okkażjonali ta' mill-inqas EUR 7 500, tnaqqis mil-livell limitu ta' qabel ta' EUR 15 000. Kemm id-definizzjoni kif ukoll il-livell limitu juru ssikkar tal-miżuri kontra l-użu ta' dawn in-negozjanti għall-fini ta' ħasil tal-flus madwar l-UE;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jinkludi "fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard" (skont id-Direttiva 2000/31/KE tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern[21]). It-Tielet AMLD attwali u r-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF jeħtieġu li l-każinòs biss ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus /kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. L-evidenza fl-UE tissuġġerixxi li dan iħalli oqsma oħrajn tal-logħob tal-azzard vulnerabbli għal abbuż mill-kriminali.

– *Approċċ ibbażat fuq ir-riskju:* Id-Direttiva tirrikonoxxi li l-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa mod effettiv biex jiġu identifikati u mmitigati r-riskji għas-sistema finanzjarja u l-istabbiltà ekonomika usa' fiż-żona tas-suq intern. Il-miżuri l-ġodda proposti jkunu jeħtieġu miżuri bbażati fuq l-evidenza sabiex dawn jiġu implimentati fi tliet oqsma ewlenin, b'kull wieħed minnhom li jkun issuplimentat b'lista minima ta' fatturi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni jew gwida li għandha tiġi żviluppata mll-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej:

(c) L-Istati Membri ser ikunu meħtieġa jidentifikaw, jifhmu u jimmitigaw ir-riskji li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom. Ma' dan tista' ssir ukoll ħidma ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa fil-livell supranazzjonali (eż. mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew il-Europol) u r-riżultati għandhom jitqassmu ma' Stati Membri u entitajiet obbligati oħrajn. Dan ikun punt ta' tluq għall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, u jirrikonoxxi li rispons madwar l-UE jista' jiġi informat mill-esperjenza nazzjonali tal-Istati Membri;

(d) L-entitajiet obbligati li joperaw fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jkunu meħtieġa jidentifikaw, jifhmu u jimmitigaw ir-riskji tagħhom, u jiddokumentaw u jaġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju li jwettqu. Dan huwa element importanti tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, u jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti (bħas-superviżuri) fi ħdan l-Istati Membri sabiex jirrevedu u jifhmu fid-dettall id-deċiżjonijiet meħuda mill-entitajiet obbligati taħt is-superviżjoni tagħhom. Finalment, dawk li jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju jkunu kompletament responsabbli għad-deċiżjonijiet li jieħdu;

[21] ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

(e) Il-proposta tkun qed tirrikonoxxi li r-riżorsi tas-superviżuri tista' tintuża għal enfasi fuq l-oqsma fejn ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu huma l-ikbar. L-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju jkun ifisser li l-evidenza tintuża biex jiġu indirizzati aħjar ir-riskji.

– *Diliġenza Ssimplifikata u Msaħħa Dovuta lill-Klijenti:* fil-proposta l-entitajiet obbligati jkunu meħtieġa jieħdu miżuri msaħħa fejn ir-riskji huma ikbar u jistgħu jitħallew jieħdu miżuri ssimplifikati fejn jintwera li r-riskji huma aktar baxxi. Fir-rigward tal-AMLD attwali (it-Tielet waħda), id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta ssimplifikata nstabu li kienu wisq permessivi, b'ċerti kategoriji ta' klijenti jew tranżazzjonijiet li kienu qegħdin jingħataw eżenzjoni diretta minn rekwiżiti ta' diliġenza dovuta. Għaldaqstant, id-Direttiva riveduta tissikka r-regoli fuq id-diliġenza dovuta ssimplifikata u ma tħallix li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn japplikaw eżenzjonijiet. Minflok, id-deċiżjonijiet dwar meta u kif titwettaq diliġenza dovuta ssimplifikata jkollhom jiġu ġġustifikati fuq il-bażi tar-riskju, filwaqt li jingħataw ir-rekwiżiti minimi tal-fatturi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni. F'waħda mis-sitwazzjonijiet li fihom dejjem għandha tingħata diliġenza dovuta msaħħa, l-aktar għal persuni esposti b'mod politiku, id-Direttiva ssaħħet biex tinkludi lil persuni esposti b'mod politiku li huma fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti fil-livell domestiku, kif ukoll dawk li jaħdmu għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

– *Informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju:* id-Direttiva riveduta tipproponi miżuri ġodda biex jiġu pprovduti ċarezza u aċċessibilità msaħħa tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja. Teħtieġ li l-persuni ġuridiċi jżommu informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom stess. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni kemm tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll tal-entitajiet obbligati. Għal arranġamenti legali, il-fiduċjarji huma meħtieġa jiddikjaraw l-istatus tagħhom meta jsiru klijent u b'mod simili huwa meħtieġ li l-informazzjoni fuq is-sjieda benefiċjarja titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet obbligati.

– *L-ekwivalenza ta' pajjiż terz:* id-Direttiva riveduta ser tneħħi d-dispożizzjonijiet relatati mal-"ekwivalenza" pożittiva, peress li r-reġim dwar id-diliġenza dovuta mal-klijenti qiegħed isir dejjem aktar ibbażat fuq ir-riskju u l-użu ta' eżenzjonijiet għal raġunijiet ta' fatturi purament ġeografiċi huwa inqas relevanti. Id-dispożizzjonijiet attwali tat-Tielet AMLD jeħtieġu li jittieħdu deċiżjonijiet dwar jekk il-pajjiżi terzi għandhomx sistemi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li huma "ekwivalenti" għal dawk fl-UE. Imbagħad, din l-informazzjoni kienet tintuża biex ikunu jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal ċerti aspetti ta' diliġenza dovuta mal-klijenti.

– *Sanzjonijiet amministrattivi:* b'konformità mal-politika tal-Kummissjoni biex jiġu allinjati s-sanzjonijiet amministrattivi, id-Direttiva riveduta fiha medda ta' sanzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma disponibbli għall-fergħat sistematiċi tar-rekwiżiti ewlenin tad-Direttiva, l-aktar id-diliġenza dovuta mal-klijenti, iż-żamma tar-rekords, ir-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi u l-kontrolli interni.

– *Unitajiet ta' Intelliġenza Finanzjarja:* il-proposta ddaħħal magħha dispożizzjonijiet mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI tas-17 ta’ Ottubru 2000 li tikkonċerna l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn il-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-

Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni u tkompli testendi u ssaħħaħ il-kooperazzjoni.

– *L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE):* il-proposta fiha bosta oqsma li fihom hija prevista ħidma mill-ASE. B'mod partikolari, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS huma mitluba jwettqu valutazzjoni u jipprovdu opinjoni dwar ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li l-UE qed tiffaċċja. Barra minn hekk, l-enfasi ikbar fuq l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jeħtieġ grad ogħla ta' gwida għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji dwar liema fatturi għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta japplikaw diliġenza dovuta ssimplifikata mal-klijenti u diliġenza dovuta msaħħa mal-klijenti u meta jiġi applikat l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni. Barra minn hekk, l-ESAs ġew inkarigati b'li jipprovdu standards tekniċi regolatorji għal ċerti kwistjonijiet fejn istituzzjonijiet finanzjarji jridu jadattaw l-kontrolli normali tagħhom meta jintervjenu f'sitwazzjonijiet speċifiċi.

– *Protezzjoni tad-dejta* il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn il-permess li jintużaw sistemi u kontrolli robusti u miżuri ta' prevenzjoni kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu minn naħa waħda, u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta min-naħa l-oħra hija riflessa fi ħdan il-proposta.

– *Miżuri ta' traspożizzjoni:* Minħabba l-kumplessità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, l-Istati Membri huma mitluba jibagħtu tabella ta' korrelazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tagħhom u d-Direttiva.

Żona Ekonomika Ewropea

Il-proposta hija relevanti għall-pajjiżi taż-ŻEE.

2013/0025 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[3],

Waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Somom kbar ta' flus maħmuġa jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-suq komuni, u t-terroriżmu jheżżeż proprju l-pedamenti tas-soċjetà tagħna. Barra l-applikazzjoni tal-liġi kriminali, sforz preventiv permezz tas-sistema finanzjarja jista' jagħti riżultati.

(2) Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja kollha jistgħu jkunu perikolati b'mod serju bl-isforzi tal-kriminali u sħabhom sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul kriminali jew jikkanalizzaw flus legali jew illegali għal għanijiet terroristiċi. Sabiex jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, dawk li jaħslu l-flus u li jiffinanzjaw lit-terroristi jistgħu jippruvaw jiksbu vantaġġ tal-libertà ta' ċaqliq kapitali u l-libertà li jingħataw servizzi finanzjarji li l-qasam finanzjarju integrat jinkludi, jekk ċerti miżuri ta' koordinament mhumiex adottati fil-livell ta' Unjoni.

---

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .

(3) Il-proposta attwali hija r-raba' Direttiva b'rabta mat-theddida tal-ħasil tal-flus. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għan tal-ħasil tal-flus definixxiet il-ħasil tal-flus[4] f'termini ta' reati ta' drogi u obbligi imposti biss fuq is-settur finanzjarju. Id-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' Diċembru 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE[5] estendiet il-kamp ta' applikazzjoni kemm f'termini ta' reati koperti u l-firxa ta' professjonijiet u attivitajiet koperti. F'Ġunju 2003 it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem FATF) irrevediet ir-Rakkomandazzjonijiet tagħha biex tkopri l-finanzjament tat-terroriżmu, u pprovdiet rekwiżiti aktar dettaljati b'relazzjoni tal-identifikazzjoni u l-verifika ta' klijenti, is-sitwazzjonijiet fejn riskju ogħla ta' ħasil tal-flus jista' jiġġustifika miżuri mtejba u kif ukoll sitwazzjonijiet fejn riskju mnaqqas jista' jiġġustifika kontrolli inqas rigorużi. Dawn il-bidliet huma riflessi fid-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għan tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu[6] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tniżżel l-miżuri ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni ta' persuna politikament esposta u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna[7].

(4) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ta' spiss isiru f'kuntest internazzjonali. Miżuri adottati biss fuq il-livell nazzjonali jew anke livell tal-Unjoni Ewropea, mingħajr ma tiġi kkunsidrata l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali, ikollhom effetti limitati ħafna. Il-miżuri adottati mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam b'hekk għandhom ikunu konsistenti ma' azzjonijiet oħrajn meħudin f'fora internazzjonali oħrajn. L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea għandha tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkmandazzjonijiet tal-FATF, li jikkostitwixxi l-korp internazzjonali prinċipali attiv fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Bil-għan li tiġi msaħħa l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, id-Direttivi 2005/60/KE u 2006/70/KE għandhom ikunu allinjati mar-Rakkomandazzjonijiet il-ġodda FATF adottati u miżjuda fi Frar 2012.

(5) Minbarra dan, l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja sabiex flejjes kriminali kif ukoll flejjes nodfa jiġu kanalizzati għal għanijiet terroristiċi huwa ta' riskju ċar għall-integrità, il-funzjonament korrett, ir-reputazzjoni u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Għaldaqstant, il-miżuri preventivi ta' din id-Direttiva għandhom ikopru mhux biss il-manipulazzjoni ta' flus li jiġu mill-kriminalità iżda l-ġbir ukoll ta' flus jew proprjetà għal għanijiet terroristiċi.

(6) L-użu ta' pagamenti kbar fi flus kontanti huwa vulnerabbli għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Sabiex tiżdied il-viġilanza u jitnaqqsu r-riskji li jirriżultaw minn pagamenti bi flus kontanti jew persuni ġuridiċi fin-negozjar ta' oġġetti għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva sal-punt li jagħmlu jew jirċievu pagamenti bi flus kontanti ta' EUR 7 500 jew aktar. Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti inkluż limitu aktar baxx.

4 ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77.
5 ĠU L 344, 28.12.2001, p. 76.
6 ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
7 ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29.

(7) Professjonisti legali, kif definiti mill-Istati Membri, għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta jieħdu sehem fi tranżazzjonijiet finanzjarji jew korporattivi, inkluż l-għoti ta' pariri dwar it-taxxa, fejn hemm l-akbar riskju li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jintużaw ħażin għall-għan tal-ħasil tar-rikavat ta' attività kriminali jew għall-għan ta' finanzjament tat-terroriżmu. Madankollu għandhom jeżistu eżenzjonijiet minn kull obbligu ta' rapportaġġ ta' informazzjoni miksuba qabel, matul jew wara proċedimenti ġudizzjarji, jew waqt li tkun qiegħda tiġi aċċertata l-pożizzjoni legali ta' klijent. Għaldaqstant, il-pariri legali għandhom jibqgħu suġġett għall-obbligu tas-sigriet professjonali għajr jekk il-konsulent legali jkun qiegħed jieħu sehem fil-ħasil tal-flus jew fil-finanzjament tat-terroriżmu, jekk il-parir legali jingħata għall-għanijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-iffinanzjar tat-terroriżmu jew jekk l-avukat ikun jaf li l-klijent qiegħed ifittex parir legali għal għanijiet ta' ħasil tal-flus jew tal-iffinanzjar tat-terroriżmu.

(8) Servizzi li huma direttament komparabbli għandhom ikunu trattati bl-istess manjiera meta mogħtija minn kwalunkwe wieħed mill-professjonisti koperti b'din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat ir-rispett lejn id-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-każ ta' awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa li, f'xi Stati Membri, jistgħu jiddefendu jew jirrappreżentaw klijent fil-kuntest ta' proċedimenti ġuridiċi jew jaċċertaw il-pożizzjoni legali tal-klijent, l-informazzjoni li huma jiksbu fit-twettiq ta' dawk il-kompiti ma għandhiex tkun suġġetta għall-obbligi ta' rapportaġġ skond din id-Direttiva.

(9) Huwa importanti li ssir enfasi espressa li "reati tat-taxxa" relatati għal taxxi diretti u indiretti huma inklużi fid-definizzjoni wiesa' ta' "attività kriminali" taħt din id-Direttiva skont ir-Rakkomandazzjonijiet FATF riveduti.

(10) Hemm ħtieġa li tiġi identifikata kwalunkwe persuna fiżika li teżerċita sjieda jew kontroll fuq persuna ġuridika. Filwaqt li l-kisba ta' persentaġġ ta' parteċipazzjoni azzjonarja mhux se tirriżulta awtomatikament fil-ksib tas-sjieda benefiċjarji, huwa fattur ta' evidenza li għandu jiġi kkunsidrat. L-identifikazzjoni u l-verifika tas-sjieda benefiċjarji għandha, fejn rilevanti, testendi sa entitajiet legali li huma s-sjieda ta' entitajiet legali oħrajn, u għandha ssegwi l-katina ta' sjieda sakemm tinsab il-persuna fiżika li teżerċita sjieda jew kontroll tal-persuna ġuridika li hija l-klijenta.

(11) Il-ħtieġa għal informazzjoni preċiża u aġġornata fuq is-sjieda benefiċjarja hija fattur importanti fil-ksib ta' kriminali li x'aktarx jkunu jistgħu jaħbu l-identità tagħhom wara struttura korporattiva. B'hekk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kumpaniji jżommu informazzjoni fuq is-sjieda benefiċjarja tagħhom u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet obbligati. Barra hekk, fiduċjarji għandhom jiddikjaraw l-istatus tagħhom lill-entitajiet obbligati.

(12) Din id-Direttiva għanha tapplika wkoll għall-dawk l-attivitajiet tal-entitajiet obbligati koperti minn din id-Direttiva li huma mwettqa fuq l-internet.

(13) L-użu tas-settur tal-logħob tal-azzard għall-ħasil tar-rikavati ta' attività kriminali huwa ta' tħassib. Sabiex jitnaqqsu r-riskji relatati mas-settur u biex tingħata ugwaljanza fost il-fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, għandu jkun hemm obbligu għall-fornituri kollha ta' servizzi tal-logħob tal-azzard biex iwettqu diliġenza dovuta mal-klijent għal tranżazzjonijiet singoli ta' EUR 2 000 jew aktar. Stati Membri jmisshom jikkunsidraw dan il-limitu fil-ġbir ta' rebħ u kif ukoll fl-imħatri ta' flus. Fornituri ta'

servizzi tal-logħob tal-azzard b'bini fiżiku (eż każinòs u postijiet għal-logħob tal-azzard) għandhom jiżguraw li diliġenza dovuta mal-klijent, jekk issir fil-punt ta' dħul għall-bini, jista' jkun marbut mat-tranżazzjonijiet imwettqa mill-klijent fil-bini.

(14) Ir-riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu mhuwiex l-istess f'kull każ. B'mod xieraq, għandu jintuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju mhuwiex għażla permissibbli bla bżonn għal Stati Membri u entitajiet obbligati. Jinvolvi l-użu ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jibbaża fuq il-provi biex jiġi mmirat aħjar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu li l-Unjoni Ewropea tiffaċċja u dawk li joperaw fiha.

(15) Bażi solida għall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju hija ħtieġa għall-Istati Membri biex jidentifikaw, jifhmu u jnaqqsu r-riskji tal-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. L-importanza ta' approċċ supranazzjonali għall-identifikazzjoni ta' riskju ġiet rikonoxxuta f'livell internazzjonali, u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (minn hawn 'il quddiem 'ABE'), stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li twaqqaf Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE[8]; l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (minn hawn 'il quddiem AEAPX) Stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE[9]; u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (minn hawn 'il quddiem 'AETS) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[10] għandhom ikollhom il-kompitu li joħorġu opinjoni dwar ir-riskji li jaffettwaw is-settur finanzjarju.

(16) Ir-riżultati ta' valutazzjonijiet tar-riskju fuq livell ta' Stat Membru, għandhom, fejn xieraq, ikunu disponibbli lill-entitajiet obbligati sabiex ikunu jistgħu jifhmu, jidenfitikaw u jnaqqsu r-riskji tagħhom stess.

(17) Sabiex jifhmu aħjar u jnaqqsu r-riskji f'livell tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju għall-Istati Membri l-oħrajn, il-Kummissjoni, u l-ABE, l-AEAPX u l-AETS fuq talba.

(18) Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, huwa xieraq li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet ta' entitajiet żgħar obbligati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni, u biex jiġi żgurat trattament li hu xieraq għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' entitajiet żgħar obbligati, u n-natura tan-negozju.

(19) Riskju nnifsu huwa varjabbli fin-natura, u l-varjabbli, kemm jekk waħedhom jew bi tqabbil, jistgħu jżidu jew jnaqqsu r-riskju potenzjali, biex b'hekk ikollu impatt fuq il-livell xieraq ta' miżuri preventattivi, bħal miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent.

8 ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
9 ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.
10 ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

B’hekk hemm ċirkostanzi fejn diliġenza dovuta għandha tiġi applikata u oħrajn fejn diliġenza dovuta simplifikata tista’ tkun xierqa.

(20) Għandu jkun rikonoxxut li ċerti sitwazzjonijiet jippreżentaw riskju akbar ta’ ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Għalkemm għandhom jiġu stabbiliti l-identità u l-profil tan-negozju tal-klijenti kollha, ikun hemm każijiet fejn ikunu meħtieġa proċeduri partikolarment rigorużi tal-identifikazzjoni tal-klijent u ta' verifika.

(21) Dan japplika b'mod partikolari għar-relazzjonijiet ta' negozju ma' individwi li għandhom, jew li kellhom, karigi pubbliċi importanti, b'mod partikulari dawk minn pajjiżi fejn il-korruzzjoni hija mifruxa. Relazzjonijiet bħal dawn jistgħu jesponu s-settur finanzjarju b’mod partikolari għal riskji sinifikanti ta’ reputazzjoni u legali. L-isforz internazzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jiġġustifika l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali għal każijiet bħal dawn u biex tiġi applikata diliġenza dovuta mal-klijent xierqa u mtejba fir-rispett ta’ persuni li għandhom jew kellhom funzjonijiet prominenti lokali jew barra u persuni anzjani f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

(22) Il-ksib ta’ approvazzjoni mill-maniġment anzjan għat-twaqqif ta’ relazzjonijiet ta’ negozju ma jfissirx, fil-każijiet kollha, implikazzjoni għall-ksib ta’ approvazzjoni mill-bord ta’ diretturi. L-għoti ta’ approvazzjoni bħal din għandu jkun possibbli minn xa ħadd b'għarfien suffiċjenti tal-iskopertura għar-riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu tal-istituzzjoni u anzjanità suffiċjenti biex jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-iskopertura għar-riskju.

(23) Sabiex jiġu evitati proċeduri ripetuti ta’ identifikazzjoni tal-klijent, li jwasslu għal dewmien u ineffiċjenza fin-negozju, huwa xieraq, bla ħsara għas-salvagwardji adattati, li jitħallew li jkunu introdotti klijieti li tkun saritilhom identifikazzjoni x’imkien ieħor sabiex isirilhom l-introduzzjoni mal-entitajiet obbligati. Fejn entità obbligata tistrieħ fuq parti terza, ir-responsabbilità aħħarija għall-proċedura ta’ diliġenza dovuta mal-klijent tibqa’ tal-entità obbligata li lilha tkun saret l-introduzzjoni tal-klijent. Il-parti terza, jew dik li tintroduċi l-klijent, għandha tibqa' responsabbli għall-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva, inkluż ir-rekwiżit li tirrapporta tranżazzjonijiet suspettużi u żżomm ir-rekords, sa fejn iwasslu r-relazzjonijiet tagħha mal-klijent koperti minn din id-Direttiva.

(24) Fil-każ ta' relazzjonijiet ta' aġenzija jew ta' esternalizzazzjoni fuq bażi kontrattwali bejn entitajiet obbligati jew persuni esterni fiżiċi jew ġuridiċi mhux koperti minn din id-Direttiva, kwalunkwe obbligu kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għal dawk l-aġenti jew fornituri ta' esternalizzazzjoni, bħala parti mill-entitajiet obbligati, jista' jiġi biss minn kuntratt u mhux minn din id-Direttiva. Ir-responsabbiltà għall-konformità ma’ din id-Direttiva għandha tibqa’ mal-entità obbligata koperta minnha.

(25) L-Istati Membri kollha stabbelixxew, jew suppost jistabbilixxu, unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja (minn hawn ‘il quddiem FIUs) sabiex jiġbru u janalizzaw l-informazzjoni li tkun waslitilhom bil-għan li jistabilixxu rabtiet bejn tranżazzjonijiet finanzjarji suspettużi u l-attività kriminali sabiex jipprevjenu u jikkumbattu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Tranżazzjonijiet suspettużi għandhom jiġu rapportati lill-FIUs, li sservi bħala ċentru nazzjonali sabiex tirċievi, tanalizza, u tqassam lill-awtoritajiet kompetenti rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi u informazzjoni oħra dwar ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Dan ma

għandux iġiegħel lill-Istati Membri jibdlu s-sistemi attwali tagħhom ta' rapportaġġ meta r-rapportaġġ iseħħ permezz ta' prosekutur pubbliku jew awtoritajiet oħrajn għall-infurzar tal-liġi, kemm-il darba l-informazzjoni tiġi kkomunikata minnufih u mingħajr ċensura lill-FIUs u dan jippermettilhom li jwettqu xogħolhom adegwatament, inkluża l-kooperazzjoni internazzjonali ma' FIUs oħrajn.

(26) Bħala deroga mill-projbizzjoni ġenerali kontra t-twettiq ta' tranżazzjonijiet suspettużi, l-entitajiet obbligati jistgħu jwettqu tali tranżazzjonijiet suspettużi qabel ma javżaw lill-awtoritajiet kompetenti, meta jkun impossibbli li ma dawn jitwettqux jew x'aktarx jistgħu jixxekklu l-isforzi sabiex jinqabdu l-benefiċjarji ta' operazzjoni ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu suspettat. Dan, madankollu, għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali aċċettati mill-Istati Membri li jiffriżaw mingħajr dewmien fondi jew assi oħra ta' terroristi, ta' organizzazzjonijiet terroristiċi jew ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu, skond ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda.

(27) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jaħtru korp awtoregolatorju xieraq tal-professjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 2(1)(3)(a), (b), u (d) bħala l-awtorità li għanda tiġi infurmata fl-ewwel istanza minflok l-FIU. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sistema ta' rappurtaġġ tal-ewwel istanza lil korp awtoregolatorju xieraq tikkostitwixxi salvagwardja importanti għaż-żamma tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali b'rabta mal-obbligi ta' rappurtaġġ applikabbli lill-avukati.

(28) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-eżenzjonijiet previsti f'Artikolu 33(2), huwa jista' jippermetti jew jitlob lill-korp awto-regolatorju li jirrappreżenta lill-persuni li huma msemmija f'dak Artikolu sabiex ma jittrażmettix lill-FIU kwalunkwe informazzjoni miksuba mingħand dawk il-persuni fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dak Artikolu.

(29) Kien hemm numru ta' każijiet fejn impjegati li jirrappurtaw is-suspetti tagħhom ta' ħasil tal-flus qed ikunu soġġetti għal theddid u azzjoni ostili. Għalkemm din id-Direttiva ma tistax tindaħal fil-proċeduri ġudizzjarji tal-Istati Membri, din hija kwistjoni kruċjali għall-effikaċja tas-sistema kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. L-Istati Membri għandhom ikunu konxji ta' din il-problema u għandhom jagħmlu kull ma jistgħu sabiex iħarsu lill-impjegati minn tali theddid jew azzjoni ostili.

(30) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[11], kif implimentata fil-liġi nazzjonali, hija applikabbli għall-ipproċessar ta' dejta personal għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

(31) Ċerti aspetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tinvolvi l-ġbir, l-analiżi, il-ħażna u l-qsim ta' dejta. L-ipproċessar ta' dejta personali għandu jsir sabiex ikun konformi mal-obbligi mniżżla f'din id-Direttiva, inkluż it-twettiq ta' diliġenza dovuta mal-klijent, monitoraġġ li għadu għaddej, investigazzjoni u rappurtaġġ ta' tranżazzjonijiet mhux tas-soltu u suspettużi, l-identifikazzjoni tas-sjieda benefiċjarju tal-persuna legali jew arranġament legali, il-qsim ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-qsim ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji. Id-dejta personali miġbura għandha

[11] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

tkun limitata għal dak li hu strettament neċessarju għall-għan ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u mhux proċessati aktar b'mod mhux konsistenti mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, aktar proċessar ta' dejta personali għal raġunijiet kummerċjali għandu jkun projbit b'mod strett.

(32) Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu hija rikonoxxuta bħala raġuni importanti ta' interess pubbliku mill-Istati Membri kollha.

(33) Din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' dejta personali proċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'kwistjonijiet kriminali, inklużi d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni Qafas 977/2008/ĠAI.

(34) Id-drittijiet ta' aċċess tas-suġġett tad-dejta huma applikabbli għad-dejta personali proċessata għall-għan ta' din id-Direttiva. Madankollu, aċċess għas-suġġett tad-dejta għal informazzjoni miżmuma f'rapport ta' tranżazzjoni suspettuża jnaqqas b'mod gravi l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Limitazzjonijiet għal dan id-dritt skont ir-regoli mniżżla fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE b'hekk jistgħu jkunu ġustifikati.

(35) Il-persuni li sempliċiment ibiddlu dokumenti tal-karta f'data elettronika u jkunu qegħdin jaġixxu taħt kuntratt ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja ma jaqgħux fil-kamp ta' din id-Direttiva, u lanqas taqa' fil-kamp tagħha kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji biss b'messaġġ jew b'sistemi ta' appoġġ oħra għad-dispaċċ ta' fondi jew b'sistema ta' clearance u ta' ħlas.

(36) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma problemi internazzjonali u l-isforz sabiex jiġu kombattuti għandu jkun globali. Fejn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji tal-Unjoni għandhom fergħat jew sussidjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi fejn il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija nieqsa, huma għandhom, sabiex jevitaw l-applikazzjoni ta' standards differenti ħafna fi ħdan l-istituzzjoni jew grupp ta' istituzzjonijiet, japplikaw standards tal-Unjoni jew jinnotifikaw l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jekk l-applikazzjoni ta' standards bħal dawn hijiex impossibbli.

(37) Ir-rispons għandu, fejn applikabbli, jkun disponibbli lil entitajiet obbligati dwar l-utilità u s-segwitu tar-rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi li jippreżentaw. Sabiex dan isir possibbli, u jkunu jistgħu jagħmlu reviżjoni tal-effiċenza tas-sistemi tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom iżommu u jtejbu l-istatistiċi rilevanti. Biex titjieb aktar il-kwalità u l-konsistenza tad-dejta statistika miġbura fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha iżomm kont tas-sitwazzjoni mal-UE kollha b'rispett tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu u tippubblika analiżi regolari.

(38) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' uffiċċji tal-kambju ta' flus, fornituri ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpaniji jew fornituri ta' servizzi għal-logħob tal-azzard, il-persuni li effettivament jidderiġu n-negozju ta' entitajiet bħal dawn u s-sjieda benefiċjarji ta' entitajiet bħal dawn huma persuni adatti u xierqa. Bħala minimu dawn il-kriterji għandhom jiddeterminaw jekk persuna hijiex adatta u xierqa, u jirriflettu l-bżonn li jħarsu dawn l-entitajiet u milli jintużaw ħażin mill-maniġers jew is-sidien benefiċċjarji tagħhom għal għanijiet kriminali.

(39) Billi jiġi kkunsidrat il-karattru transnazzjonali tal-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-FIUs tal-UE hija estremament importanti. Din il-kooperazzjoni s'issa ġiet indirizzata biss mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkonċerna l-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn il-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni[12]. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn l-FIUs, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat li rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi jilħqu l-FIU tal-Istat Membru fejn ir-rapport ikun tal-aktar użu, regoli aktar dettaljati, imsaħħa u aġġornati għandhom jiġu inklużi f'din id-Direttiva.

(40) Titjib fl-iskambju ta' informazzjoni bejn FIUs fl-UE hija ta' importanza partikolari biex tiffaċċja l-karattru transnazzjonali tal-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. L-użu ta' faċilitajiet siguri għall-iskambju ta' informazzjoni, speċjalment in-netwerk deċentralizzat tal-kompjuter FIU.net u tekniki offruti minn dak in-netwerk għandhom ikunu mħeġġa minn Stati Membri.

(41) L-importanza tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandu jwassal lill-Istati Membri li jistabilixxu sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u disswasivi fil-liġi nazzjonali għan-nuqqas li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Attwalment Stati Membri għandhom firxa differenti ta' miżuri amministrattivi u sanzjonijiet għal kwalunkwe ksur tal-miżuri preventivi ewlenin. Din id-diversità tista' tkun ta' detriment għall-isforzi li qed isiru kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u r-rispons tal-Unjoni huwa f'riskju li jiġi frammentat. B'hekk din id-Direttiva għandha tinkludi firxa ta' miżuri amministrattivi u sanzjonijiet li l-Istati Membri se jkollhom disponibbli għal ksur sistematiku tar-rekwiżiti relatati ma' miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent, iż-żamma ta' rekords, ir-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi u l-kontrolli interni ta' entitajiet obbligati. Din il-firxa għandha tkun usa' b'mod suffiċjenti biex tippermetti Stati Membri u awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw id-differenzi bejn entitajiet obbligati, b'mod partikolari bejn istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet obbligati oħrajn, fir-rigward id-daqs, il-karatteristiċi u l-oqsma ta' attività tagħhom. Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' miżuri amministrattivi u sanzjonijiet skont din id-Direttiva u ta' sanzjonijiet kriminali skont il-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

(42) Standards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti u protezzjoni adegwata tad-depożituri, l-investituri u l-konsumaturi madwar l-Unjoni. Bħala korpi ta' għarfien speċjalizzat għoli, ikun effiċjenti u xieraq biex ABE, AEAPX u AETS ikunu fdati bl-elaborazzjoni ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li ma jinvolvux għażliet ta' politika, għall-għoti lill-Kummissjoni.

(43) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ABE, l-AEAPX u l-AETS skont l-Artikolu 42 ta' din id-Direttiva permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ir-Regolament Nru 1094/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

[12] ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4.

(44) Fid-dawl tal-emendi sostanzjali ħafna li hemm bżonn li jsiru lid-Direttiva 2005/60/KE, u lid-Direttiva 2006/70/KE, għandhom ikunu inkorporati u mibdula għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza.

(45) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, fuq kollox il-protezzjoni tas-sistema finanzjarja permezz tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-ksib ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba li miżuri individwali adottati minn Stati Membri biex jipproteġu s-sistemi finanzjarji tagħhom jistgħu jkunu inkonsistenti mal-funzjonament tas-suq intern u bil-preskrizzjonijiet tal-istat tad-dritt u l-politika pubblika tal-Unjoni u b'hekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu b'mod aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżla fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(46) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà li tmexxi negozju, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv għal proċess ġust u d-dritt għad-difiża.

(47) Skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva hi implimentata, fir-rigward ta' valutazzjonijiet tar-riskju fil-kuntest ta' diliġenza dovuta mal-klijent mingħajr diskriminazzjoni.

(48) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet iġġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur jqis it-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti bħala ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA 1

IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI U D-DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jkunu pprojbiti.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawn li ġejjin, meta jitwettqu bi ħsieb, għandhom jitqiesu bħala ħasil tal-flus:

   (a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività, għall-għan ta' ħabi jew travestiment tal-oriġini illeċita tal-proprjetà jew sabiex tingħata għajnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-twettiq ta' tali attività sabiex tevadi l-konsegwenzi legali tal-azzjoni tagħha;

   (b) il-ħabi jew it-travestiment tan-natura, is-sors, il-lokalità, id-dispożizzjoni, il-moviment, jew is-sidien veri tal-proprjetà jew tad-drittijiet veri fir-rigward tagħha, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

   (c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tar-riċezzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

   (d) parteċipazzjoni f'attentati jew assoċjazzjoni fihom, għat-twettiq u l-għoti ta' għajnuna, sostenn, tħaffif u l-għoti ta' parir għat-twettiq ta' xi waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

3. Il-ħasil tal-flus għandu jitqies bħala tali anke fejn l-attivitajiet li ġġeneraw il-proprjetà destinata għal-ħasil twettqu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz.

4. Għall-fini ta' din id-Direttiva, 'finanzjament tat-terroriżmu' tfisser l-għoti jew il-ġbir ta' fondi, bi kwalunkwe mezz, dirett jew indirett, bil-għan li jintużaw jew bl-għarfien li ser jintużaw, totalment jew parzjalment, sabiex jitwettaq xi wieħed mir-reati li jaqa' taħt it-tifsira tal-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-

13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[13], kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta’ Novembru 2008[14].

5. L-għarfien, l-intenzjoni jew l-għan meħtieġ bħala element tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 jistgħu jiġu preżunti miċ-ċirkustanzi fattwali oġġettivi.

Artikolu 2

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-entitajiet obbligati li ġejjin:

(1) istituzzjonijiet ta’ kreditu;

(2) istituzzjonijiet finanzjarji;

(3) il-persuni ġuridiċi jew fiżiċi, li ġejjin, meta jaġixxu fl-eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali tagħhom:

(a) awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa;

(b) nutara u professjonisti legali indipendenti oħra, meta dawn jieħdu sehem, kemm jekk jaġixxu f'isem jew għan-nom tal-klijent tagħhom fi kwalunkwe tranżazzjoni finanzjarja jew immobbiljarja, kif ukoll jekk jgħinu fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet għall-klijent tagħhom dwar:

(i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;

(ii) l-amministrazzjoni ta' flus, titoli jew assi oħra tal-klijent;

(iii) il-ftuħ jew l-amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji ta' tfaddil jew ta' titoli;

(iv) l-organizzazzjoni tal-kontributi neċessarji għall-kostituzzjoni, jew għall-operat jew għall-ġestjoni ta' kumpaniji;

(v) il-kostituzzjoni, l-operat jew il-ġestjoni ta' trusts, ta' kumpaniji jew ta' strutturi simili;

(c) fornituri ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpaniji li mhumiex diġà koperti mill-punti (a) jew (b);

(d) aġenti immobiljari, inklużi aġenti tal-kirjiet;

(e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn li jinnegozjaw fi prodotti, iżda biss fejn il-ħlasijiet isiru jew jiġu riċevuti fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 7 500 jew aktar, kemm jekk it-tranżazzjoni titwettaq f’operazzjoni waħda jew inkella f'bosta operazzjonijiet li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin;

---

13 ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.
14 ĠU L 330, 9.12.2008, p. 21-23.

(f) forrnituri ta’ servizzi tal-logħob tal-azzard.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-persuni ġuridiċi u fiżiċi, li jidħlu f'attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew ferm limitata fejn ftit li xejn hemm riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kemm-il darba l-persuna ġuridika jew fiżika tkun tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-attività finanzjarja tkun limitata f’termini assoluti;

(b) l-attività finanzjarja tkun limitata fuq bażi ta’ tranżazzjoni;

(c) l-attività finanzjarja ma tkunx l-attività prinċipali;

(d) l-attività finanzjarja tkun aċċessorja u marbuta direttament mal-attività prinċipali;

(e) l-attività ewlenija mhijiex attività msemmija fil-paragrafu 1, minbarra l-attività msemmija fil-punt (3)(e) tal-paragrafu 1;

(f) l-attività finanzjarja tkun ipprovduta biss lill-klijenti tal-attività prinċipali u ma tkunx offruta lill-pubbliku b’mod ġenerali.

Is-subparagrafu ta’ qabel ma għandux japplika għall-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jidħlu fl-attività ta’ rimessa ta’ flus skont it-tifsira tal-Artikolu 4(13) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2007 dwar is-servizzi ta’ ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE[15].

3. Għall-fini tal-punt (a) tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jitolbu sabiex ir-rikavat totali tal-attività finanzjarja ma jaqbiżx livell limitu li jrid ikun baxx biżżejjed. Dan il-limitu għandu jiġi stabbilit fuq il-livell nazzjonali skont it-tip ta’ attività finanzjarja.

4. Għall-fini tal-punt (b) tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom japplikaw livell limitu massimu għal kull klijent u tranżazzjoni unika, kemm jekk it-tranżazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk titwettaq f'bosta operazzjonijiet li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin. Dan il-limitu għandu jiġi stabbilit fuq il-livell nazzjonali skont it-tip ta’ attività finanzjarja. Għandu jkun baxx biżżejjed biex jiġi żgurat li t-tipi ta' tranżazzjonijiet inkwistjoni huma metodu mhux prattiku u ineffiċjenti għall-ħasil tal-flus jew għall-finanzjament tat-terroriżmu, u ma għandux jaqbeż l-EUR 1 000.

5. Għall-fini tal-punt (c) tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li r-redditu mill-attività finanzjarja ma jaqbiżx il-5 % tar-redditu totali tal-persuna ġuridika jew fiżika kkonċernata.

6. Fil-valutazzjoni tar-riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jixħtu attenzjoni speċjali fuq kwalunkwe attività finanzjarja li minħabba n-natura tagħha titqies li għandha

[15] ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

probabbiltà għolja li tintuża jew tiġi abbużata għal għanijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

7. Kwalunkwe deċiżjoni skont dan l-Artikolu għandha tiddikjara r-raġunijiet li hija bbażata fuqhom. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà tal-irtirar ta' deċiżjoni partikolari jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi.

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu attivitajiet ta' monitoraġġ ibbażati fuq ir-riksju jew jieħdu xi miżuri adegwati oħrajn biex jiżguraw li ma jsirx abbuż mill-eżenzjoni mogħtija mid-deċiżjonijiet skont dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu, kif iddefinita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu[16], inklużi l-fergħat, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(3) ta' dik id-Direttiva, li jinstabu fl-Unjoni Ewropea u li huma ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom l-uffiċċju prinċipali ġewwa jew barra l-Unjoni Ewropea;

(2) "istituzzjonijiet finanzjarji" tfisser:

(a) intrapriża, għajr istituzzjoni ta' kreditu, li mill-anqas operazzjoni waħda minn dawk inklużi fil-punti 2 sa 12 u punti 14 u 15 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/48/KE, inklużi l-attivitajiet ta' uffiċji ta' kambju tal-munita (bureaux de change);

(b) kumpanija tal-assigurazzjoni kif awtorizzata b'mod konformi mad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja[17], sakemm din twettaq il-ħidmiet tagħha koperti b'din id-Direttiva;

(c) ditta tal-investimenti kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji[18];

(d) intrapriża ta' investiment kollettiv li tikkumerċjalizza l-unitajiet u l-ishma tagħha;

(e) Intermedjarju tal-assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(5)tad-Direttiva 2002/92/KE tad-9 ta' Diċembru 2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni[19], bl-eċċezzjoni ta' intermedjarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(7) ta' dik id-Direttiva, meta jaġixxu fir-rigward ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi oħra ta' investiment relatati;

---

16 ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
17 ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.
18 ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
19 ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.

(f) fergħat, meta jinstabu ġewwa l-Unjoni Ewropea, ta' istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmija fil-punti (a) sa (e), li l-uffiċċji prinċipali tagħhom jinstabu ġewwa jew barra l-Unjoni Ewropea;

(3) "proprjetà" tfisser assi ta' kull tip, sew korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluża dik elettronika jew diġitali, li tixhed it-titolu ta' tali assi jew l-interess fihom.

(4) "attività kriminali" tfisser kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fit-twettiq tad-delitti serji li ġejjin

(a) atti kif iddefiniti fl-Aritkoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta’ Novembru 2008;

(b) kwalunkwe wieħed mir-reati msemmi fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988 kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi;

(c) l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet kriminali kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/ĠAI tal-21 ta’ Diċembru 1998 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[20];

(d) frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ta’ mill-inqas serji, kif iddefiniti fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[21];

(e) il-korruzzjoni;

(f) ir-reati kollha, inklużi r-reati fiskali relatati mat-taxxi diretti jew indiretti, li huma punibbli bi priġunerija jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' dawk l-Istati li għandhom livell limitu minimu għal reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli bi priġunerija jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' aktar minn sitt xhur;

(5) "sid benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna (jew persuni) fiżika li hija s-sid jew li għandha l-kontroll finali tal-klijent u/jew persuna fiżika li tkun qed titwettaq f'isimha tranżazzjoni jew attività. is-sid benefiċjarju għandu mill-inqas jinkludi:

(a) għal entitajiet korporati:

(i) il-persuna (jew persuni) fiżika li hija s-sid finali jew li għandha l-kontroll finali ta' entità permezz ta' sjieda jew kontroll diretti jew indiretti fuq biżżejjed perċentwal mill-ishma jew id-drittijiet tal-vot f'dik l-entità legali, inklużi permezz ta' pussess ta' berear share holdings, minbarra kumpanija elenkata fuq suq regolat li huwa soġġett għal rekwiżiti ta'

[20] ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.
[21] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

żvelar konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew soġġett għal standards internazzjonali ekwivalenti.

Perċentwal ta' 25% u sehem wieħed għandhom ikunu prova ta' sjieda jew kontroll permezz ta' pussess ta' ishma u japplika għal kull livell ta' sjieda diretta jew indiretta;

(ii) jekk ikun hemm xi dubju li dik il-persuna (jew persuni) identifikata(i) fil-punt (i) hija s-sid benefiċjarju (jew sidien benefiċjarji), il-persuna fiżika (jew persuni) li tkun teżerċita kontroll fuq il-ġestjoni ta' entità legali b'mezzi oħrajn;

(b) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi, bħal fondazzjonijiet, u ta' arranġamenti ġuridiċi, bħal trusts, li jamministraw u jqassmu fondi:

(i) il-persuna jew persuni fiżiċi li jeżerċitaw kontroll fuq 25 % jew aktar tal-proprjetà tal-arranġament ġuridiku jew entità ġuridika; u

(ii) fejn il-benefiċjarji futuri diġà ġew determinati, il-persuna jew persuni fiżiċi li jkunu l-benefiċjarji ta' 25 % jew aktar tal-proprjetà tal-arranġament ġuridiku jew entità ġuridika; jew

(iii) meta l-individwi li jibbenefikaw mill-arranġament jew l-entità legali jkunu għad iridu jiġu ddeterminati, il-klassi ta' persuni li fl-interess tagħhom huma mwaqqfa jew joperaw l-arranġament jew l-entità legali. Għall-benefiċjarji ta' trusts li huma magħżulin skont il-karatteristiċi jew il-klassi, l-entitajiet obbligati għandhom jiksbu biżżejjed informazzjoni dwar il-benefiċjarju sabiex ikunu sodisfatti li ser ikunu jistgħu jistabbilixxu l-identità tal-benefiċjarju fi żmien l-iżborż jew meta l-benefiċjarju jkun beħsiebu jeżerċita d-drittijiet vestiti;

(6) "fornitur tas-servizzi ta' trusts jew kumpaniji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li permezz tan-negozju tipprovdi xi wieħed mis-servizzi li ġejjin lil partijiet terzi:

(a) il-formazzjoni ta' kumpaniji jew ta' persuni ġuridiċi oħrajn;

(b) il-qadi ta' dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala direttur jew segretarju ta' kumpanija, jew bħala soċju f'soċjetà, jew f'xi pożizzjoni simili marbuta ma' persuni ġuridiċi oħra;

(c) il-fornitura ta' uffiċċju reġistrat, jew ta' indirizz kummerċjali, jew ta' indirizz ta' korrispondenza jew amministrattiv u servizzi oħra relatati, lil xi kumpanija, soċjetà jew kwalunkwe persuna ġuridika jew arranġament ġuridiku ieħor;

(d) il-qadi ta' dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala trustee ta' express trust jew ta' arranġament ġuridiku simili ieħor;

(e) taġixxi bħala jew tirranġa sabiex persuna oħra taġixxi bħala azzjonist nominat għal persuna oħra li mhijiex kumpanija elenkata f'suq regolat li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta' żvelar b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew soġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti;

(7) (a) "persuni barranin esposti b'mod politiku" tfisser persuni fiżiċi li huma fdati jew li ġew fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti minn pajjiż terz;

(b) "persuni lokali esposti b'mod politiku" tfisser persuni fiżiċi li huma fdati jew li ġew fdati minn Stat Membru b'funzjonijiet pubbliċi prominenti;

(c) "persuni li huma fdati jew li ġew fdati b'funzjoni prominenti minn organizzazzjoni internazzjonali" tfisser diretturi, viċi diretturi u membri tal-bord jew funzjoni ekwivalenti ta' organizzazzjoni internazzjonali;

(d) "persuni fiżiċi li huma fdati jew li ġew fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti" għandhom jinkludu lil dawn li ġejjin:

(i) il-kapijiet ta' Stat, il-kapijiet ta' Gvern, il-ministri u d-deputati ministri jew is-sottosegretarji;

(ii) il-membri parlamentari;

(iii) il-membri tal-qrati supremi, tal-qrati kostituzzjonali u ta' entitajiet ġudizjarji oħra ta' livell għoli li d-deċiżjonijiet tagħhom mhumiex ġeneralment suġġetti għal appell ulterjuri, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali;

(iv) il-membri tal-qrati tal-awdituri u tal-bordijiet tal-banek ċentrali;

(v) l-ambaxxaturi, iċ-*chargés d'affaires* u l-uffiċjali għolja tal-forzi armati;

(vi) membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-impriżi li huma proprjetà tal-Istat.

L-ebda waħda mill-kategoriji stabbiliti fil-punti (i) sa (vi) ma għandha tinftiehem bħala waħda li tkopri uffiċjali ta' gradi medji jew inqas;

(e) il-"membri tal-familja" għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(i) il-konjuġi;

(ii) kwalunkwe sieħeb/sieħba meqjusin ekwivalenti għall-konjuġi;

(iii) it-tfal u l-konjuġi jew sħab tagħhom;

(iv) il-ġenituri;

(f) il-"persuni magħrufin li huma assoċjati mill-qrib" għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe persuna fiżika magħrufa li għandha sjieda benefiċjarja konġunta ta' entitajiet legali jew arranġamenti legali, jew kwalunkwe relazzjonijiet kummerċjali oħrajn mill-qrib, ma' persuna msemmija fil-punti (7)(a) sa (7)(d) aktar 'il fuq;

(ii) kwalunkwe persuna fiżika li għandha sjieda benefiċjarja unika ta' entità legali jew arranġament legali li hija magħrufa li twaqqfet għall-

beneficċju de facto tal-persuna msemmija fil-punti (7)(a) sa (7)(d) aktar 'il fuq;

(8) “maniġment superjuri” tfisser uffiċjali jew impjegat b'għarfien suffiċjenti tal-iskopertura għar-riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu tal-istituzzjoni u anzjanità suffiċjenti biex jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-iskopertura għar-riskju. Mhux meħtieġ li fil-każijiet kollha, ikun involut membru tal-bord ta' diretturi.

(9) "relazzjoni tax-xogħol" tfisser relazzjoni fin-negozju, professjonali jew kummerċjali li hija marbuta mal-attivitajiet professjonali tal-entitajiet obbligati u li hija mistennija, fiż-żmien meta jiġi stabbilit il-kuntratt, ikollha element ta' durata;

(10) "servizzi tal-logħob tal-azzard" tfisser kwalunkwe servizz li jinvolvi logħob ta' flus f'logħob tal-azzard inklużi dawk b'element ta' ħila bħal lotteriji, logħob tal-każinò, logħob tal-poker u tranżazzjonijiet tal-imħatri li huma pprovduti f'post fiżiku jew bi kwalunkwe mezz, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi jew kwalunkwe teknoloġija oħra biex titħaffef il-komunikazzjoni, jew fuq it-talba individwali ta' min jirċievi s-servizzi;

(11) "grupp" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Artikolu 2(12) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju[22].

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu estiżi totalment jew parzjalment għall-professjonijiet jew għall-kategoriji tal-impriżi, minbarra l-entitajiet obbligati msemmija fl-Artikolu 2(1), li jidħlu f'attivitajiet li għandhom probabbiltà partikolari li jintużaw għal għanijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

2. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jestendi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal professjonijiet u kategoriji ta' impriżi minbarra dawk imsemmija f'Artikolu 2(1), għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 5

L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

[22] ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

TAQSIMA 2

VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

Artikolu 6

1. L-Awtorità Bankarja Ewropea (aktar 'il quddiem imsejħa l-"ABE"), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (aktar 'il quddiem imsejħa l-"AEAPX") u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (aktar 'il quddiem imsejħa l-"AETS") għandhom jagħtu opinjoni konġunta fuq ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern.

   Din l-opinjoni għandha tingħata fi żmien sentejn mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-opinjoni għad-dispożizzjoni biex tassisti lill-Istati Membri u lill-entitajiet obbligati sabiex jidentifikaw, jamministraw u jimmitigaw ir-riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

Artikolu 7

8. Kull Stat Membru għandu jieħu passi xierqa biex jidentifika, jivvaluta, jifhem u jimmitiga r-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwawh, u jżomm il-valutazzjoni aġġornata.

9. Kull Stat Membru għandu jagħżel awtorità biex tikkoordina r-rispons nazzjonali għar-riskji msemmija fil-paragrafu 1. L-identità tal-awtorità għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS u Stati Membri oħrajn.

10. Fit-twettiq tal-vlautazzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-opinjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6(1).

11. Kull Stat Membru għandu jwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u:

    (a) juża l-valutazzjoni(jiet) biex itejjeb ir-reġim tiegħu għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari billi jidentifika kwalunkwe oqsma li fihom l-entitajiet obbligati għandhom japplikaw miżuri mtejba u, fejn xieraq, jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu;

    (b) juża l-valutazzjoni(jiet) biex tassistih fl-allokazzjoni u l-prijoritazzjoni tar-riżorsi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

    (c) iqiegħdu għad-dispożizzjoni l-informazzjoni xierqa għall-entitajiet obbligati sabiex iwettqu l-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

12. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju għall-Istati Membri l-oħrajn, il-Kummissjoni, u l-ABE, l-AEAPX u l-AETS fuq talba.

Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati jieħdu l-passi xierqa biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni fatturi ta' riskju inklużi l-klijenti, il-pajjiżi jew iż-żoni ġeografiċi, il-prodotti, is-servizzi, it-tranżazzjonijiet jew il-kanali tal-konsenja. Dawn il-passi għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs tal-entitajiet obbligati.

2. Il-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddokumentati, jinżammu aġġornati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u korpi awtoregolatorji.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati għandhom politiki, kontrolli u proċeduri biex jimmitigaw u jamministraw b'mod effettiv ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu identifikati fil-livell tal-Unjoni, il-livell tal-Istati Membri, u l-livell tal-entitajiet obbligati. Il-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs ta' dawk l-entitajiet obbligati.

4. Bħala minimu, il-politiki u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu:

   (a) l-iżvilupp ta' politiki, proċeduri u kontrolli interni, inklużi d-diliġenza dovuta mal-klijenti, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern, il-ġestjoni tal-konformità (inkluża, meta tkun xierqa mad-daqs u n-natura tan-negozju, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali) u t-tgħarbil tal-impjegati;

   (b) meta dan ikun xieraq, skont id-daqs u n-natura tan-negozju, funzjoni indipendenti tal-awditjar biex tittestja l-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli interni msemmija fil-punt (a).

5. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati jiksbu approvazzjoni mill-maniġment superjuri għall-politiki u l-proċeduri li jimplimentaw, u għandhom jissorveljaw u jtejbu l-miżuri meħuda, fejn xieraq.

KAPITOLU II

DILIĠENZA DOVUTA MAL-KLIJENT

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji milli jżommu kontijiet jew kotba anonimi ta' depożiti bankarji. Fil-każijiet kollha, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li s-sidien u l-benefiċjarji tal-kontijiet anonimi jew passbooks anonimi eżistenti jkunu s-suġġett ta' miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ qabel dawk il-kontijiet jew passbooks jintużaw b'xi mod.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju;

(b) meta jagħmlu tranżazzjonijiet okkażjonali li jammontaw għal EUR 15,000 jew iżjed, sew jekk it-tranżazzjoni ssir f'operazzjoni waħda jew jekk issir f'diversi operazzjonijiet li jidhru li marbuta ma xulxin;

(c) għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinnegozjaw fi prodotti, meta jwettqu tranżazzjonijiet okkażjonali fi flus kontanti li jammontaw għal EUR 7 500 jew aktar, kemm jekk it-tranżazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda jew f'bosta operazzjonijiet li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin;

(d) għall-fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, meta jwettqu tranżazzjonijiet okkażjonali li jammontaw għal EUR 2 000 jew aktar, kemm jekk it-tranżazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda jew f'bosta operazzjonijiet li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin.

(e) fejn ikun hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, tkun xi tkun id-deroga, l-eżenzjoni jew l-ammont operattiv;

(f) meta jkun hemm dubbji dwar il-veraċità jew l-adegwatezza ta' data ta' identifikazzjoni tal-klijent miksuba qabel.

Artikolu 11

1. Il-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent għandhom jinkludu:

   (a) l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika tal-identità tal-klijent fuq il-bażi ta' dokumenti, data jew informazzjoni li jinkisbu minn sors affidabbli u indipendenti;

   (b) l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju u t-teħid ta' miżuri raġonevoli biex tiġi vverifikata l-identità tiegħu sabiex l-istituzzjoni jew il-persuna koperta minn din id-Direttiva tkun sodisfatta li taf min hu s-sid benefiċjarju, inklużi, fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, fiduċjarji u arranġamenti legali simili, filwaqt li jittieħdu miżuri raġonevoli biex tinftiehem is-sjieda u l-istruttura ta' kontroll tal-klijent;

   (c) il-valutazzjoni u, kif xieraq, il-kisba ta' informazzjoni fuq l-għan u l-għan maħsub tar-relazzjoni ta' negozju;

   (d) l-eżerċizzju ta' sorveljanza kontinwa tar-relazzjoni ta' negozju inkluż skrutinju tat-tranżazzjonijiet matul il-kors ta' dik ir-relazzjoni sabiex ikun żgurat li t-tranżazzjonijiet li jkunu qegħdin jitwettqu jkunu konsistenti mal-konoxxenza tal-istituzzjoni jew tal-persuna dwar il-klijent, in-negozju u l-profil tar-riskju, kif ukoll, fejn ikun neċessarju, dwar is-sors tal-fondi u jiġi żgurat li d-dokumenti, id-data jew l-informazzjoni miżmuma ikunu dejjem aġġornati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati japplikaw kull wieħed mir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijenti stabbiliti fil-paragrafu 1, iżda jistgħu jiddeterminaw safejn jaslu dawn il-miżuri fuq bażi ta' sensittività għar-riskju.

3. Meta jivvalutaw ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati jieħdu f'kunsiderazzjoni tal-inqas dawk il-varjabbli stipulati fl-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-korpi awtoregolatorji li l-miżuri huma xierqa fir-rigward tar-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li ġew identifikati.

5. Għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew oħra relatata mal-investimenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji, minbarra li jieħdu l-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti meħtieġa għall-klijent u s-sid benefiċjarju, iwettqu l-miżuri li ġejjin ta' diliġenza dovuta mal-klijent fuq il-benefiċjarji tal-assigurazzjoni tal-ħajja u poloz tal-assigurazzjoni oħrajn relatati mal-investimenti, malli l-benefiċjarji jiġu identifikati jew jintgħażlu:

   (a) għall-benefiċjarji li huma identifikati bħala persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew arranġamenti legali msemmija b'mod speċifiku, filwaqt li jittieħed isem il-persuna;

   (b) għall-benefiċjarji li jintgħażlu skont il-karatteristiċi jew il-klassi jew mezzi oħra, il-kisba ta' biżżejjed informazzjoni dwar dawk il-benefiċjarji biex l-istituzzjoni finanzjarja tkun issodisfata li ser tkun tista' tistabbilixxi l-identità tal-benefiċjarju fi żmien l-iżborż.

Għaż-żewġ każijiet imsemmija fil-punti (a) u (b), il-verifika tal-identità tal-benefiċjarji għandha sseħħ fi żmien l-iżborż. F'każ ta' assenjament, bis-sħiħ jew b'mod parzjali, ta' assigurazzjoni tal-ħajja jew assigurazzjoni oħra relatata mal-investimenti għal parti terza, l-istituzzjonijiet finanzjarji konxji mill-assenjament għandhom jidentifikaw is-sid benefiċjarju fi żmien l-assenjament tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-arranġament legali li jirċievu għall-benefiċċju tagħhom stess il-valur tal-polza assenjata.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-identità tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati qabel ma tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju jew it-twettiq tat-tranżazzjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-identitajiet tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati waqt li tiġi stabbilita relazzjoni ta' negozju jekk dan ikun neċessarju sabiex ma tiġix interrotta t-tmexxija normali tan-negozju u fejn hemm ftit riskju li jkun hemm ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, dawn il-proċeduri għandhom jitlestew hekk kif ikun prattiku wara l-kuntatt tal-bidu.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li jsir il-ftuħ ta' kont tal-bank kemm-il darba hemm biżżejjed salvagwardji fis-seħħ biex jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet ma jitwettqux minn klijent jew f'ismu sakemm tinkiseb konformità sħiħa mal-paragrafi 1 u 2.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, meta l-istituzzjoni jew il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tikkonforma mal-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 11(1), ma għandhiex twettaq tranżazzjoni permezz ta' kont tal-bank, tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju jew twettaq it-tranżazzjoni, u għandha tikkunsidra li ttemm ir-relazzjoni ta' negozju, u għandha tikkunsidra li tagħmel rapport dwar tranżazzjoni suspettuża lill-unità ta' intelliġenza finanzjarja (FIU) skont l-Artikolu 32 fir-rigward tal-klijent.

   L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw il-paragrafu ta' qabel lil, nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, kontabilisti u konsulenti tat-taxxa esterni sal-punt strett fejn ikunu qegħdin jaċċertaw il-pożizzjoni legali għall-klijent tagħhom jew jaqdu dmirijiethom billi jiddefendu jew jirrappreżentaw lil dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji, anke billi jagħtu pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' proċedimenti legali.

5. L-Istati Membri għandhom jitolbu sabiex l-entitajiet obbligati japplikaw il-proċeduri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti mhux biss lill-klijenti kollha l-ġodda iżda anki fi żminijiet xierqa lill-klijenti eżistenti fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, inklużi fi żminijiet meta ċ-ċirkustanzi relevanti ta' klijent jinbidlu.

TAQSIMA 2

DILIĠENZA DOVUTA SSIMPLIFIKATA MAL-KLIJENT

Artikolu 13

1. Meta Stat Membru jew entità obbligata jidentifikaw oqsma ta' riskju inqas, dak l-Istat Membru jista' jippermetti lill-entitajiet obbligati japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta ssimplifikati mal-klijenti.

2. Qabel japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta ssimplifikati mal-klijenti, l-entitajiet obbligati għandhom jiżguraw li r-relazzjoni mal-klijent jew it-tranżazzjoni tippreżenta grad baxx ta' riskju.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati jwettqu biżżejjed monitoraġġ tat-tranżazzjoni jew relazzjoni ta' negozju biex ikunu jistgħu jiġu identifikati tranżazzjonijiet mhux tas-soltu jew suspettużi.

Artikolu 14

Meta jivvalutaw ir-riskji ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu relatati mat-tipi ta' klijenti, pajjiżi jew żoni ġeografiċi, u prodotti, servizzi, tranżazzjonijiet jew kanali tal-konsenja partikolari, l-Istati Membri u l-entitajiet obbligati għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni tal-inqas dawk il-fatturi ta' sitwazzjonijiet ta' riskju potenzjalment aktar baxxi stipulati fl-Anness II.

Artikolu 15

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-entitajiet obbligati msemmija fl-Artikolu 2(1)(1) u (2) skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, fuq il-fatturi ta' riskju li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni u/jew il-miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet li fihom ikunu xierqa miżuri ta' diliġenza dovuta ssimplifikati. Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni partikolari n-natura u d-daqs tan-negozju, u fejn dan ikun xieraq u proporzjonat, għandhom jiġu previsti miżuri speċifiċi. Dawn il-linji gwida għandhom jinħarġu fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

TAQSIMA 3

DILIĠENZA DOVUTA MSAĦĦA MAL-KLIJENT

Artikolu 16

1. Fil-każijiet identifikati fl-Artikoli 17 sa 23 ta' din id-Direttiva u f'każijiet oħrajn ta' riskji ogħla li huma identifikati mill-Istati Membri jew l-entitajiet obbligati, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-entitajiet obbligati japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta msaħħa mal-klijenti biex jamministraw u jimmitigaw dawk ir-riskji kif xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-entitajiet sabiex jeżaminaw, safejn huwa raġonevolment possibbli, l-isfond u l-għan tat-tranżazzjonijiet kollha li huma kumplessi u kbar b'mod mhux tas-soltu, u l-mudelli mhux tas-soltu kollha tat-tranżazzjonijiet, li ma għandhom l-ebda għan ekonomiku jew legali apparenti. B'mod partikolari, għandhom iżidu l-grad u n-natura tal-monitoraġġ tar-relazzjoni ta' negozju, sabiex jiddeterminaw jekk dawk it-tranżazzjonijiet jew attivitajiet jidhrux mhux tas-soltu jew suspettużi.

3. Meta jivvalutaw ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri u l-entitajiet obbligati għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni tal-inqas dawk il-fatturi ta' sitwazzjonijiet b'potenzjal ta' riskju ogħla stipulati fl-Anness III.

4. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-entitajiet obbligati msemmija fl-Artikolu 2(1)(1) u (2) skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fuq il-fatturi ta' riskju li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni u/jew il-miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet fejn hemm bżonn li jiġu applikati miżuri ta' diliġenza dovuta msaħħa. Dawk il-linji gwida għandhom jinħarġu fi żmien sentejn mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Artikolu 17

Fir-rigward ta' relazzjonijiet bankarji korrispondenti transkonfinali ma' istituzzjonijiet rispondenti minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri, minbarra li jitolbu l-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti kif stipulat fl-Artikolu 11, għandhom jeħtieġu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex:

(a) jiġbru informazzjoni biżżejjed dwar istituzzjoni rispondenti sabiex jifhmu interament in-natura tan-negozju tal-istituzzjoni rispondenti u jiddeterminaw minn informazzjoni pubblika disponibbli r-reputazzjoni tal-istituzzjoni u l-kwalità ta' superviżjoni;

(b) jagħmlu stima tal-kontrolli kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu tal-istituzzjoni rispondenti;

(c) jiksbu l-approvazzjoni tal-livelli għolja ta' ġestjoni qabel jistabbilixxu relazzjonijiet korrispondenti ġodda;

(d) jiddokumentaw ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull istituzzjoni;

(e) fir-rigward ta' pagamenti permezz ta' trasferimenti minn kontijiet, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni ta' kreditu rispondenti ivverifikat l-identità tal-klijenti u prattikat id-diliġenza dovuta fuq bażi kontinwa mal-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet tal-korrispondent u li tkun kapaċi tipprovdi data rilevanti għall-finijiet tad-diliġenza dovuta fuq talba tal-istituzzjoni korrispondenti.

Artikolu 18

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet jew relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni barranin esposti b'mod politiku, l-Istati Membri, minbarra li jitolbu l-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti stipulati fl-Artikolu 11, għandhom jeħtieġu lill-entitajiet obbligati sabiex:

(a) ikollhom proċeduri xierqa bbażati fuq ir-riskju sabiex jiddeterminaw jekk il-klijent jew is-sid benefiċjarju tal-klijent huwiex persuna bħal din;

(b) jiksbu approvazzjoni mill-maniġment superjuri għat-tnedija jew l-issoktar ta' relazzjonijiet ta' negozju ma' klijenti bħal dawn;

(c) jieħdu miżuri adegwati sabiex jistabbilixxu s-sors tal-beni u s-sors tal-fondi li jkunu involuti fir-relazzjoni ta' negozju jew fit-tranżazzjoni;

(d) iwettqu sorveljanza kontinwa aktar stretta tar-relazzjoni ta' negozju.

Artikolu 19

Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet jew relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni lokali esposti b'mod politiku jew persuna li hija fdata jew li ġiet fdata b'funzjoni prominenti minn organizzazzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom, minbarra li jitolbu l-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti stipulati fl-Artikolu 11, jeħtieġu lill-entitajiet obbligati:

(a) li jkollhom proċeduri xierqa bbażati fuq ir-riskju sabiex jiddeterminaw jekk il-klijent jew is-sid benefiċjarju tal-klijent huwiex persuna bħal din;

(b) f'każijiet ta' relazzjonijiet ta' negozju b'riskju ogħla ma' persuni bħal dawn, japplikaw il-miżuri msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 18.

Artikolu 20

L-entitajiet obbligati għandhom jieħdu miżuri raġonevoli biex jiddeterminaw jekk il-benefiċjarji ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew oħra relatata mal-investimenti u/jew, fejn hemm bżonn, is-sid benefiċjarju tal-benefiċjarju huma persuni esposti b'mod politiku. Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu mhux aktar tard minn żmien l-iżborż jew fi żmien l-assenjament, bis-sħiħ jew b'mod parzjali, tal-polza. Meta jiġu identifikati riskji ikbar, minbarra li jieħdu miżuri normali ta' diliġenza dovuta mal-klijenti, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati:

(a) jgħarrfu lill-maniġment superjuri qabel l-iżborż tar-rikavat mill-polza;

(b) iwettqu skrutinju msaħħaħ fuq ir-relazzjoni sħiħa ta' negozju mad-detentur tal-polza.

Artikolu 21

Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 18, 19, u 20 għandhom japplikaw ukoll għall-membri tal-familja jew persuni li huma magħrufin li huma assoċjati mill-qrib ta' tali persuni esposti b'mod politiku.

Artikolu 22

Meta persuna msemmija fl-Artikoli 18, 19, u 20 ma tibqax tiġi fdata b'funzjoni pubblika prominenti minn Stat Membru jew pajjiż terz jew b'funzjoni prominenti minn organizzazzjoni internazzjonali, l-entitajiet obbligati għandhom ikunu meħtieġa jikkunsidraw ir-riskju ssoktat minn dik il-persuna u japplikaw it-tali miżuri xierqa u sensittivi għar-riskji sakemm jitqiesu li ma għadhom tal-ebda riskju. Dan il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun inqas minn 18-il xahar.

Artikolu 23

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jidħlu jew ikomplu relazzjoni bankarja korrispondenti ma' shell bank u jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li la jibdew u lanqas ikomplu relazzjonijiet bankarji korrispondenti ma' bank li jkun magħruf li jippermetti li l-kontijiet tiegħu jintużaw minn shell bank.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, "shell bank" għandha tfisser istituzzjoni ta' kreditu, jew istituzzjoni prevista f'attivitajiet ekwivalenti, inkorporati f'ġurisdizzjoni li fiha ma għandha l-ebda preżenza fiżika, li tinvolvi ħsieb u ġestjoni sinifikanti, u li mhijiex affiljata ma' grupp finanzjarju rregolat.

TAQSIMA 4

IMPLEMENTAZZJONI MINN TERZI

Artikolu 24

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-entitajiet obbligati sabiex jiddependu fuq partijiet terzi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(a), (b) u (c). Madankollu, ir-responsabbiltà finali għall-osservanza ta' dawk ir-rekwiżiti għandha tibqa' tal-entità obbligata li tiddependi fuq il-parti terza.

Artikolu 25

1. Għall-fini ta’ din is-Sezzjoni, "partijiet terzi" għandha tfisser entitajiet obbligati li huma elenkati fl-Artikolu 2, jew istituzzjonijiet u persuni oħrajn fi Stati Membri jew pajjiż terz, li japplikaw rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijenti u rekwiżiti ta' żamma tar-rekords ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva hija ssorveljata skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu VI.

2. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni disponibbli fuq il-livell ta' riskju ġeografiku meta jiddeċiedu jekk pajjiż terz jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u għandhom jgħarrfu lil xulxin, il-Kummissjoni u lill-ASE, lill-AEAPX u lill-AETS safejn huwa relevanti għall-fini ta' din id-Direttiva u skont id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, bil-każijiet fejn iqisu li pajjiż terz jissodisfa t-tali kundizzjonijiet.

Artikolu 26

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati jiksbu mill-parti terza li jkunu qegħdin jiddependu fuqha dik l-informazzjoni meħtieġa dwar ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(a), (b) u (c).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati li lilhom jiġi riferut il-klijent jieħdu passi adegwati biex jiżguraw li l-kopji rilevanti tad-dejta ta' identifikazzjoni u verifika u dokumentazzjoni relevanti oħra fuq l-identità tal-klijent jew is-sid benefiċjarju jingħaddu minnufih, fuq talba, mill-parti terza.

Artikolu 27

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini (għal politiki u kontrolli madwar il-grupp kollu) u l-awtorità kompetenti ospitanti (għall-fergħat u s-sussidjarji) jistgħu jqisu li entità obbligata tapplika l-miżuri li jinstabu fl-Artikolu 25(1) u 26 permezz tal-programm tal-grupp tagħha, fejn huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) entità obbligata tiddependi fuq l-informazzjoni pprovduta minn parti terza li hija parti mill-istess grupp;

(b) dak il-grupp japplika miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti, regoli fuq iż-żamma tar-rekords u programmi kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu skont din id-Direttiva jew ir-regoli ekwivalenti;

(c) l-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (b) hija ssorveljata fil-livell tal-grupp minn awtorità kompetenti.

Artikolu 28

Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika għal relazzjonijiet ta' esternalizzazzjoni jew tal-aġenziji fejn, fuq il-bażi ta' arranġament kuntrattwali, il-fornitur jew l-aġent tas-servizz ta' esternalizzazzjoni għandu jitqies bħala parti mill-entità obbligata.

KAPITOLU III

INFORMAZZJONI DWAR IS-SJIEDA BENEFIĊJARJA

Artikolu 29

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet korporattivi jew legali mwaqqfa fi ħdan it-territorju tagħhom jiksbu u jkollhom miżmuma informazzjoni adegwata, preċiża u attwali fuq is-sjieda benefiċjarja tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun aċċessibbli fil-ħin mill-awtoritajiet ompetenti u mill-entitajiet obbligati.

Artikolu 30

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fiduċjarji ta' kwalunkwe trust espressa rregolata mil-liġi tagħhom tikseb u żżomm informazzjoni adegwata, preċiża u attwali fuq is-sjieda benefiċjarja tat-trust. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-identità tas-settlor, tal-fiduċjarju/i, tal-protettur (jekk relevanti), tal-benefiċjarji jew il-klassi ta' benefiċjarji, u ta' kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv fuq it-trust.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fiduċjarji jiżvelaw l-istatus tagħhom lill-entitajiet obbligati meta, bħala fiduċjarju, il-fiduċjarju jifforma relazzjoni ta' negozju jew iwettaq tranżazzjoni okkażjonali ogħla mil-livell limitu stabbilit fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 10.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun aċċessibbli fil-ħin mill-awtoritajiet ompetenti u mill-entitajiet obbligati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri li jikkorrispondu għal dawk fil-paragrafi 1, 2 u 3 japplikaw għal tipi oħrajn ta' entitajiet u arranġamenti legali bi struttura u funzjoni simili għat-trusts.

KAPITOLU IV

L-OBBLIGI TAR-RAPPURTAR

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 31

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi FIU biex tipprevjeni, tidentifika u tinvestiga ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub dwar l-isem u l-indirizz tal-FIUs rispettivi.

3. L-FIU għandha tkun stabbilita bħala unità nazzjonali ċentrali. Għandha tkun responsabbli biex tirċievi (u sal-limitu permess, titlob), tanalizza u tqassam lill-awtoritajiet kompetenti, divulgazzjonijiet ta' informazzjoni relatata ma' ħasil tal-flus jew reati predikati oħrajn assoċjati, finanzjament tat-terroriżmu potenzjali jew li huma meħtieġa minn leġiżlazzjoni jew regolament nazzjonali. L-FIU għandha tingħata riżorsi adegwati biex twettaq il-kompiti tagħha.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIU ikollha aċċess, dirett jew indirett, tempestivament, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u konnessa mal-infurzar tal-liġi li hija tkun teħtieġ sabiex twettaq adegwatament il-funzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, l-FIUs għandhom iwieġbu għat-talbiet għal informazzjoni mill-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi fl-Istat Membru tagħhom sakemm ma jkunx hemm raġunijiet fattwali sabiex jiġi preżunt li l-forniment ta' tali informazzjoni jkollu impatt negattiv fuq l-investigazzjonijiet jew l-analiżi li għaddejjin, jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta l-iżvelar tal-informazzjoni tkun sproporzjonata b'mod ċar mal-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ġuridika jew irrelevanti fir-rigward tal-għanijiet li ntalbet għalihom.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIU tingħata s-setgħa biex tieħu azzjoni urġenti, jew diretta jew indiretta, meta jkun hemm suspett li tranżazzjoni hija relatata ma' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, biex tissospendi jew tirrifjuta milli jingħata kunsens għal tranżazzjoni milli tipproċedi sabiex tanalizza t-tranżazzjoni u tikkonferma s-suspett.

6. Il-funzjoni ta' analiżi tal-FIU għandha tikkonsisti f'analiżi operazzjonali li tiffoka fuq każijiet individwali u miri speċifiċi u analiżi strateġika li tindirizza x-xejriet u l-mudelli tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Artikolu 32

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-entitajiet obbligati, u fejn applikabbli lid-diretturi u l-impjegati tagħhom, sabiex jikkooperaw bis-sħiħ:

   (a) billi jgħarrfu minnufih lill-FIU, fuq inizjattiva tagħhom stess, meta l-istituzzjoni jew il-persuna koperta minn din id-Direttiva tkun taf, tissuspetta jew ikollha raġunijiet validi biex tissuspetta li l-fondi huma r-rikavat ta' attività kriminali jew huma relatati ma' finanzjament tat-terroriżmu, u billi jwieġbu minnufih għal talbiet għal aktar informazzjoni mill-FIU f'każijiet bħal dawn;

   (b) billi jipprovdu fil-pront lill-FIU fuq talba tagħha, l-informazzjoni neċessarja kollha, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi applikabbli.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tingħadda lill-FIU tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinstab l-istituzzjoni jew il-persuna li qed tgħaddi l-informazzjoni. Il-persuna jew persuni magħżula skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 8(4) għandha tgħaddi (għandhom jgħaddu) l-informazzjoni.

Artikolu 33

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 32(1), l-Istati Membri, fil-każ tal-persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a), (b), u (d) jistgħu jagħżlu korp awtoregolatorju xieraq tal-professjoni kkonċernata bħala l-awtorità biex tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1).

   Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-korp awtoregolatorju magħżul għandu jgħaddi l-informazzjoni lill-FIU minnufih u eżatt kif inhi.

2. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati li japplikaw l-obbligazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1) għal nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, kontabilisti u konsulenti tat-taxxa fir-rigward ta' informazzjoni li huma jirċievu minn xi wieħed mill-klijenti tagħhom jew li jiksbu dwaru, matul l-aċċertazzjoni tal-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew waqt it-twettiq ta' ħidmiethom li jiddefendu jew jirrappreżentaw dak il-klijent fi, jew dwar proċeduri ġudizzjarji, inklużi pariri fuq il-bidu jew l-evitar ta' proċeduri, sew jekk it-tali informazzjoni tasal jew tinkiseb qabel jew wara t-tali proċedimenti.

Artikolu 34

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati joqgħodu lura milli jwettqu tranżazzjonijiet li jafu jew jissuspettaw li huma relatati ma' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu sakemm ikunu wettqu l-azzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 32(1)(a).

   Konformement mal-liġijiet tal-Istati Membri, jistgħu jingħataw istruzzjonijiet sabiex ma titwettaqx it-tranżazzjoni.

2. Meta jkun hemm suspett li tranżazzjoni bħal din twassal għal ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu u meta ma jkunx possibbli li tiġi evitata b'tali mod jew aktarx li jiġu mxekkla l-isforzi biex jinstabu l-benefiċjarji ta' operazzjoni suspettata ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, l-entitajiet obbligati kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-FIU minnufih wara dan.

Artikolu 35

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw jekk, matul l-ispezzjonijiet imwettqa fl-entitajiet obbligati mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 45, jew b'xi mod ieħor, dawk l-awtoriatjiet jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati ma' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, għandhom jgħarrfu minnufih lill-FIU.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' sorveljanza li għandhom is-setgħa bil-liġi jew b'regolament li jikkontrollaw il-Borża, is-swieq tal-kambju u s-swieq finanzjarji javżaw lill-FIU jekk jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu.

Artikolu 36

L-iżvelar b'rieda tajba kif previst fl-Artikoli 32 (1) u 33 minn entità obbligata jew minn impjegat jew direttur ta' istituzzjoni jew persuna bħal din tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 32 u 33 ma għandux jikkostitwixxi ksur ta' xi restrizzjoni fuq l-iżvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew b'xi dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva, u ma għandux jinvolvi lill-entità obbligata jew lid-diretturi jew lill-impjegati tagħha bħala dawk li b'xi mod ikunu responsabbli.

Artikolu 37

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti kollha sabiex jipproteġu impjegati li jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kemm meta jagħmlu dan internament kif ukoll meta jagħmlu dan lill-FIU milli jkunu esposti għat-theddid jew azzjoni ostili.

TAQSIMA 2

PROJBIZZJONI TA' ŻVELAR

Artikolu 38

1. L-entitajiet obbligati u d-diretturi u l-impjegati tagħhom ma għandhomx jiżvelaw lill-klijent ikkonċernat jew lil persuni terzi oħrajn il-fatt li l-informazzjoni ntbagħtet skont l-Artikoli 32 u 33 jew li qiegħda jew tista' ssir investigazzjoni dwar ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tinkludi żvelar lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-korpi awtoregolatorji, jew l-iżvelar għall-fini ta' infurzar tal-liġi.

3. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi li jimponu rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva kemm-il darba jappartjenu għall-istess grupp.

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi li jimponu rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, li jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom, kemm bħala impjegati jew le, fl-istess persuna ġuridika jew sistema retikolata.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, "netwerk" għandha tfisser l-istruttura wiesgħa li tappartjeni għaliha l-persuna u li tikkondividi s-sjieda komuni, il-ġestjoni jew il-kontroll tal-konformità.

5. Għall-entitajiet jew il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)(1), (2) u (3)(a) u (b), f'każijiet relatati mal-istess klijent u l-istess tranżazzjoni li tinvolvi żewġ istituzzjonijiet jew persuni jew aktar, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tipprevjeni żvelar bejn l-istituzzjonijiet jew il-persuni relevanti kemm-il darba jinsabu fi Stat Membru, jew f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, u li huma mill-istess kategorija professjonali u huma soġġetti għal obbligi fir-rigward tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-dejta personali.

6. Fejn il-persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) ifittxu li jiddisswadu klijent milli jieħu sehem f'attività llegali, dan ma għandux jikkostitwixxi żvelar fis-sens tal-paragrafu 1.

KAPITOLU V

IŻ-ŻAMMA TA' REĠISTRI U DATA STATISTIKA

Artikolu 39

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati jaħżnu d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin skont il-liġi nazzjonali għall-fini ta' prevenzjoni, qbid u investigazzjoni ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu possibbli mill-FIU jew awtoritajiet kompetenti oħrajn:

(a) fil-każ tad-diliġenza dovuta mal-klijent, kopja jew tar-referenzi tal-evidenza meħtieġa, għall-perjodu ta’ ħames snin wara li r-relazzjoni tan-negozju mal-klijent tagħhom ikun intemm. Wara l-iskadenza ta’ dan il-perjodu, se titneħħa d-dejta personali sakemm ma jkunx ipprovdut b'mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li se tiddetermina taħt liema ċirkostanzi entitajiet obbligati jistgħu jew se jżommu aktar

dejta. Stati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma aktar twila biss jekk neċessarju għall-prevenzjoni, il-ksib jew l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. Il-perjodu massimu ta' żamma wara li r-relazzjoni tan-negozju jkun intemm mhux se jkun ta' aktar minn għaxar snin;

(b) Fil-każ ta' relazzjonijiet u tranżazzjonijiet ta' negozju, l-evidenza ta' sostenn u r-rekords, li jikkonsistu mid-dokumenti oriġinali jew kopji ammissibbli fi proċedimenti ta' qrati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għal perjodu ta' ħames snin wara t-twettiq tat-tranżazzjonijiet jew it-tmiem tar-relazzjoni ta' negozju, liema perjodu hu iqsar. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, se titneħħa d-dejta personali sakemm ma jkunx ipprovdut b'mod ieħor mil-liġi nazzjonali, li se tiddetermina taħt liema ċirkostanzi entitajiet obbligati jistgħu jew se jżommu aktar dejta. Stati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma aktar twila biss jekk neċessarju għall-prevenzjoni, il-ksib jew l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. Il-perjodu massimu ta' żamma wara t-twettiq tat-tranżazzjonijiet jew it-tmiem tar-relazzjoni ta' negozju, liema perjodu jispiċċa l-ewwel, ma jistax ikun ta' aktar minn għaxar snin.

Artikolu 40

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati jkollhom fis-seħħ sistemi li jippermettulhom iwieġbu bis-sħiħ u b'ħeffa għal mistoqsijiet mill-FIU, jew minn awtoritajiet oħrajn, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, dwar jekk għandhomx jew kellhomx matul l-aħħar ħames snin relazzjoni ta' negozju ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi speċifikati u fuq in-natura ta' dik ir-relazzjoni.

Artikolu 41

1. Għall-fini tat-tħejjija tal-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jistgħu janalizzaw l-effettività tas-sistemi tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu billi jżommu statistiki komprensivi fuq kwistjonijiet relevanti għall-effettività ta' tali sistemi.

2. L-istatistiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

   (a) dejta li tkejjel id-daqs u l-importanza tas-setturi differenti li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż in-numru ta' entitajiet u persuni u l-importanza ekonomika ta' kull settur;

   (b) dejta li tkejjel il-fażijiet ta' rapportar, ta' investigazzjoni u dawk ġudizzjarji tar-reġim għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż in-numru ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi li saru mal-FIU, is-segwitu mogħti lil dawn ir-rapporti u, fuq bażi annwali, in-numru ta' każijiet investigati, in-numru ta' persuni mixlijin, in-numru ta' persuni kkundannati għal reati ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu u l-valur f'euro ta' proprjetà li ġiet iffriżata, sekwestrata jew ikkonfiskata.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tġi ppubblikata analiżi kkonsolidata tar-rapporti statistiċi tagħhom u għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-istatistiki msemmija fil-paragrafu 2.

KAPITOLU VI

POLITIKI, PROĊEDURI U SUPERVIŻJONI

TAQSIMA 1

PROĊEDURI INTERNI, TAĦRIĠ U FEEDBACK

Artikolu 42

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati li huma parti minn grupp sabiex jimplimentaw politiki u proċeduri fi ħdan il-grupp sħiħ, inklużi politiki dwar il-protezzjoni tad-dejta u politiki u proċeduri għall-qsim ta' informazzjoni fi ħdan il-grupp għall-fini tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Dawk il-politiki u l-proċeduri għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv fil-livell tal-fergħat u sussidjarji bi proprjetà maġġoritarja fl-Istat Membri u pajjiżi terzi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-entitajiet obbligati jkollhom fergħat jew sussidjarji bi proprjetà maġġoritarja li jinstabu f'pajjiżi terzi fejn ir-rekwiżiti minimi tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu huma inqas stretti minn dawk tal-Istat Membru, il-fergħat tagħhom u s-sussidjarji tagħhom bi proprjetà maġġoritarja li jinstabu fil-pajjiż terz jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-Istat Membru, inkluża l-protezzjoni tad-dejta, sakemm dan huwa permess mil-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż terz.

3. L-Istati Membri, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar każijiet li fihom il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma tippermettix li jiġu applikati l-miżuri meħtieġa fil-paragrafu 1 u tista' tittieħed azzjoni kkoordinata biex tinstab soluzzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, fejn il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-entitajiet obbligati jieħdu miżuri addizzjonali biex jamministraw b'mod effettiv ir-riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, u jgħarrfu lis-superviżuri tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Jekk il-miżuri addizzjonali ma jkunux biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini għandhom jikkunsidraw jieħdu azzjonijiet superviżorji addizzjonali, inkluż, kif xieraq, li jitolbu lill-grupp finanzjarju sabiex iwaqqaf l-operat tiegħu fil-pajjiż ospitanti.

5. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jiżviluppaw abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-tip ta' miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafu 4 ta'

dan l-Artikolu u l-azzjoni minima meħuda mill-entitajiet obbligati msemmija fl-Artikolu 2(1)(1) u (2) meta l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma tkunx tippermetti l-applikazzjoni tal-miżuri mitlubin skont skont il-paragrafi 1 u 2. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jippreżentaw l-abbozz ta' dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

6. Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 5 skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qsim tal-informazzjoni fi ħdan il-grupp jitħalla jsir kemm-il darba ma jippreġudikax l-investigazzjoni f'ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu possibbli, jew l-analiżi ta' dawn, mill-FIU jew minn awtoritajiet kompetenti oħrajn skont il-liġi nazzjonali.

8. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-emittenti ta' flus elettroniċi kif iddefiniti mid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] u l-fornituri tal-ħlasijiet kif iddefiniti mid-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] stabbiliti fit-territorju tagħhom, u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinstab fi Stat Membru ieħor jew barra l-Unjoni, sabiex jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom biex jissorvelja l-konformità mar-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

9. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji fuq il-kriterji għad-determinazzjoni taċ-ċirkustanzi meta l-għażla ta' punt ċentrali ta' kuntatt skont il-paragrafu 8 tkun xierqa, u x'għandhom ikunu l-funzjonijiet tal-punti ċentrali ta' kuntatt. L-ABE, l-AETS u l-AEAPX għandhom jippreżentaw l-abbozz ta' dawn l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

10. Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 9 skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 43

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet obbligati jieħdu miżuri proporzjonati għar-riskji, in-natura u d-daqs tagħhom biex l-impjegati relevanti tagħhom ikunu konxji mid-dispożizzjonijiet skont din id-Direttiva, inklużi r-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-dejta relevanti.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni tal-impjegati rilevanti tagħhom fi programmi ta' taħriġ speċjali kontinwu li jgħinuhom jagħrfu dawk l-operazzjonijiet li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu u li jagħtuhom istruzzjonijiet dwar kif għandhom jipproċedu f'każijiet bħal dawn.

---

[23] ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7

[24] ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

Fejn persuna fiżika li taqa' f'waħda mill-kategoriji elenkati f'Artikolu 2(1)(3) teżegwixxi l-attivitajiet professjonali tagħha bħala impjegat ta' persuna ġuridika, l-obbligi stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għal dik il-persuna ġuridika minflok għall-persuna fiżika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati għandhom aċċess għal informazzjoni aġġornata fuq il-prattiki ta' dawk li jwettqu ħasil tal-flus u jiffinanzjaw it-terroriżmu u fuq indikazzjonijiet li jwasslu sabiex jingħarfu it-tranżazzjonijiet suspettużi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull meta jkun prattiku, jingħata feedback tempestiv dwar l-effikaċja, u dwar il-miżuri sussegwentement meħuda abbażi, tar-rapporti ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu li jkunu suspettati.

TAQSIMA 2

SUPERVIŻJONI

Artikolu 44

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-uffiċċji tal-kambju u trust jew il-fornituri tas-servizzi ta' trust jew tal-kumpaniji għandhom ikollhom liċenzja jew jkunu rreġistrati u l-fornituri tas-servizzi tal-logħob tal-azzard għandhom ikunu awtorizzati.

2. B'rispett tal-entitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu jew sejrin imexxu n-negozju ta' entitajiet bħal dawn jew is-sidien benefiċjarji ta' entitajiet bħal dawn huma persuni adatti u xierqa.

3. B'rispett għall-entitajiet obbligati li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(1)(3) (a), (b), (d) u (e), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu lill-kriminali jew l-assoċjati tagħhom milli jkollhom jew milli jkunu s-sid benefiċjarju ta' interess sinifikanti jew ta' kontroll, jew li jkollhom funzjoni ta' ġestjoni f'dawk l-entitajiet obbligati.

Artikolu 45

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kompetenti jissorveljaw b'mod effettiv u jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat adegwati, inkluża s-setgħa li jitolbu l-produzzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li hija relevanti għall-monitoraġġ tal-konformità u t-twettiq ta' verifiki, u jkollhom riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal ta' dawn l-awtoritajiet iżomm

standards professjonali għoljin, inklużi standards ta' kunfidenzjalità u protezzjoni tad-dejta, għandu jkun ta' integrità għolja u jkollu l-ħiliet xierqa.

3. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom setgħat superviżorji msaħħin, l-aktar il-possibilità li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati li joperaw il-fergħat jew is-sussidjarji fi Stati Membri oħrajn jirrispettaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor li għalih tapplika din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih twaqqfet il-fergħa jew is-sussidjarja jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-entità obbligata għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha, biex tiġi żgurata superviżjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li japplikaw approċċ sensittiv għar-riskju għas-superviżjoni:

(a) ikunu jifhmu b’mod ċar ir-riskji ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu preżenti f'pajjiżhom;

(b) ikollhom aċċess fuq il-post u mhux fuq il-post għall-informazzjoni kollha li hija relevanti dwar ir-riskji domestiċi u internazzjonali speċifiċi assoċjati ma' klijenti, prodotti u servizzi tal-entitajiet obbligati; u

(c) jibbażaw il-frekwenza u l-intensità tas-superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post fuq il-profil ta' riskju tal-entità obbligata, u fuq ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu preżenti fil-pajjiż.

7. Il-valutazzjoni tal-profil ta' riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu tal-entitajiet obbligati, inklużi r-riskji ta' nuqqas ta' konformità, għandha tiġi riveduta kemm b'mod perjodiku kif ukoll meta jseħħu avvenimenti jew żviluppi importanti fil-ġestjoni u l-operazzjonijiet tal-entità obbligata.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu f'kunsiderazzjoni l-grad ta' diskrezzjoni permess lill-entità obbligata, u janalizzaw kif xieraq il-valutazzjonijiet tar-riskju fil-bażi ta' din id-diskrezzjoni, u l-adegwatezza u l-implimentazzjoni tal-politiki, il-kontrolli interni u l-proċeduri tagħha.

9. Fil-każ tal-entitajiet obbligati msemmija fl-Artikolu 2(1)(3)(a), (b) u (d) l-Istati Membri jistgħu jippermettu li jsiru l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 li għandhom jitwettqu minn korpi awtoregolatorji, kemm-il darba jikkonformaw mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

10. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fuq il-fatturi li għandhom jiġu applikati meta jwettqu superviżjoni fuq bażi ta' sensittività għar-riskju. Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni partikolari n-natura u d-daqs tan-negozju, u fejn dan ikun xieraq u proporzjonat, għandhom jiġu previsti miżuri

speċifiċi. Dawn il-linji giwda għandhom jinħarġu fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

TAQSIMA 3

KOOPERAZZJONI

SOTTOSEZZJONI I

KOOPERAZZJONI NAZZJONALI

Artikolu 46

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jfasslu l-politiki, l-FIU, l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi, is-superviżuri u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn involuti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu jkollhom mekkaniżmi effettivi fis-seħħ biex ikunu jistgħu jikkooperaw u jikkoordinaw fil-livell domestiku dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

SOTTOTAQSIMA II

KOOPERAZZJONI MAL-ABE, MAL-AEAPX U MAL-AETS

Artikolu 47

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ABE, l-AEAPX u l-AETS bl-informazzjoni kollha li jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva.

SOTTOTAQSIMA III

KOOPERAZZJONI BEJN L-FIUS U MAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Artikolu 48

Il-Kummissjoni tista' tagħti assistenza bħal din kif meħtieġ sabiex tħaffef il-koordinazzjoni, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-FIUs fi ħdan l-Unjoni. Tista' torganizza laqgħat regolari ma' rappreżentanti mill-FIUs tal-Istati Membri sabiex tħaffef il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-opinjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni.

Artikolu 49

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIUs tagħhom jikkooperaw ma' xulxin kemm jista' jkun, indipendentement minn jekk humiex awtoritajiet amministrattivi, ta' infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji jew ibridi.

Artikolu 50

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIUs jiskambjaw, minn jeddhom jew fuq talba, kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun relevanti għall-ipproċessar u l-analiżi ta' informazzjoni jew investigazzjoni mill-FIU dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu u l-persuna fiżika jew ġuridika involuta. Talba għandha jkollha l-fatti relevanti, informazzjoni ta' sfond, raġunijiet għat-talba u kif ser tintuża l-informazzjoni mitluba.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIU li lilha ssirilha t-talba tkun meħtieġa tuża l-medda sħiħa tas-setgħat tagħha li għandha għad-dispożizzjoni fil-livell domestiku biex tirċievi u tanalizza informazzjoni meta twieġeb għal talba għal informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 minn FIU oħra bbażata fl-Unjoni. L-FIU li ssirilha t-talba għandha twieġeb fil-ħin u kemm l-FIU li tagħmel it-talba kif ukoll l-FIU li ssirilha t-talba għandhom jużaw mezzi diġitali siguri biex jiskambjaw l-informazzjoni, kull meta dan ikun possibbli.

3. FIU tista' tirrifjuta li tiżvela informazzjoni li tista' twassal għal tfixkil ta' investigazzjoni kriminali li tkun qed titwettaq fl-Istat Membru li ssirlu t-talba jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta l-iżvelar tal-informazzjoni tkun sproporzjonata b'mod ċar għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ġuridika jew tal-Istat Membru jew tkun irrelevanti għall-fini li ngħabret għalihom. Kwalunkwe ċaħda bħal din għandha tiġi ġġustifikata kif xieraq lill-FIU li titlob l-informazzjoni.

Artikolu 51

L-informazzjoni u d-dokumenti riċevuti skont l-Artikoli 49 u 50 għandhom jintużaw għat-twettiq tal-kompiti tal-FIU kif stabbiliti f'din id-Direttiva. Meta tagħti informazzjoni u dokumenti skont l-Artikoli 49 u 50, l-FIU li tittrasmetti tista' timponi restrizzjonijiet u kundizzjonijiet għall-użu ta' dik l-informazzjoni. L-FIU li tirċievi għandha tikkonforma ma' dawk ir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet. Dan ma jaffettwax l-użu għal investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet marbutin mal-kompiti tal-FIU sabiex tipprevjeni, taqbad u tinvestiga ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

Artikolu 52

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIUs jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi miżuri tas-sigurtà, biex jiżguraw li l-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikoli 49 u 50 ma tkunx aċċessibbli minn xi awtorità, aġenzija jew dipartiment ieħor, sakemm ma tingħatax approvazzjoni minn qabel mill-FIU li tipprovdi l-informazzjoni.

Artikolu 53

1. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-FIUs tagħhom sabiex jużaw il-kanali protetti ta' komunikazzjoni bejn l-FIUs u sabiex jużaw in-netwerk deċentralizzat tal-kompjuter FIU.net.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom kif stipulati f'din id-Direttiva, l-FIUs tagħhom jikkooperaw sabiex japplikaw teknoloġiji sofistikati. Dawn it-teknoloġiji għandhom jippermettu lill-FIUs iqabblu d-dejta tagħhom ma' FIUs oħrajn b'mod anonimu permezz ta' protezzjoni sħiħa tad-dejta personali bil-għan li jsibu lis-suġġetti tal-interessi tal-FIU fi Stati Membri oħrajn u jidentifikaw ir-rikavat u l-fondi tagħhom.

Artikolu 54

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIUs tagħhom jikkooperaw mal-Europol dwar l-analiżijiet imwettqa b'dimensjoni transkonfinali li tal-inqas tikkonċerna żewġ Stati Membri.

TAQSIMA 4

PENALI

Artikolu 55

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li entitajiet obbligati jinżammu responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stati Membri li jimponu pieni kriminali, l-Istati Membri se jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri amministrattivi xierqa u jimponu sanzjonijiet amministrattivi fejn entitajiet obbligati jiksru d-dispożizzjonijiet nazzjonali, adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u se jiżguraw li jiġu applikati. Dawk il-mizuri u sanzjonijiet se jkunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.

3. Stati Membri se jiżguraw li fejn l-obbligi japplikaw għal persuni ġuridiċi, sanzjonijiet jistgħu jiġu applikati lill-membri tal-korp tal-maniġment jew lil kwalunkwe individwu ieħor li skont il-liġi nazzjonali huwa responsabbli għall-ksur.

4. Stati Membri se jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti se jkollhom is-setgħat investigattivi kollha li huma neċessarji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' sanzjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti se jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li miżuri amministrattivi jew sanzjonijiet jipproduċu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jkollhom x'jaqsmu ma' każijiet transkonfinali.

Artikolu 56

1. Dan l-Artikolu se japplika mill-inqas għal sitwazzjonijiet fejn entitajiet obbligati juru nuqqasijiet sistematiċi b'rabta mar-rekwiżiti tal-Artikoli li ġejjin:

(a) 9 sa 23 (diliġenza dovuta mal-klijent);

(b) 32, 33 u 34 (rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi);

(c) 39 (żamma ta' rekords); u

(d) 42 u 43 (kontrolli interni).

2. Stati Membri se jiżguraw li fil-każijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, il-miżuri u sanzjonijiet amministrattivi li jistgħu jiġu applikati jinkludu mill-inqas li ġej:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew ġuridika u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li titlob lill-persuna fiżika jew ġuridika twaqqaf il-kondotta u ma tirrepetix dik il-kondotta;

(c) f'każ ta' entità obbligata soġġetta għal awtorizzazzjoni, it-tneħħija tal-awtorizzazzjoni;

(d) projbizzjoni temporanja kontra kwalunkwe membru tal-korp ta' maniġment tal-entità obbligata li jinżamm responsabbli, għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet f'istituzzjonijiet;

(e) fil-każ ta' persuna ġuridika, sanzjonijiet amministrattivi pekunarji sa 10% tal-fatturat totali annwali tal-persuna ġuridika fis-sena kummerċjali preċedenti;

(f) Fil-każ ta' persuna fiżika, is-sanzjonijiet amministrattivi pekunarji sa EUR 5 000 000, jew fi Stati Membri fejn l-euro mhijiex il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti tal-munita nazzjonali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

(g) sanzjonijiet amministrattivi pekunarji sad-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew telf evitat minħabba l-ksur fejn dawn ikunu jistgħu jiġu determinati.

Għall-għan tal-punt (e), fejn persuna legali hija sussidjarja ta' impriża prinċipali, it-total tad-dħul annwali rilevanti se jkun id-dħul annwali totali li jirriżulta mill-kont konsolidat tal-aħħar impriża prinċipali fis-sena finanzjarja preċedenti.

Artikolu 57

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw kwalunkwe sanzjoni jew miżura imposta għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mingħajr dewmien żejjed, inkluża informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli

għaliha, sakemm il-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma tqegħidx l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji f'periklu serju. Fejn il-pubblikazzjoni tikkaġuna ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw is-sanzjonijiet fuq bażi anonima.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu biex jiddeterminaw it-tip ta' sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi u l-livell ta' sanzjonijiet amministrattivi pekunarji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu ċ-ċirkustanzi kollha relevanti, fosthom:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli, kif indikat mid-dħul totali tal-persuna jew mid-dħul annwali tal-persuna;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew tad-danni evitati mill-persuna fiżika jew ġuridika, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;

(e) it-telf għall-partijiet terzi kkawżat mill-ksur, safejn dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mal-awtorità kompetenti;

(g) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli.

3. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS joħorġu b'mod konġunt linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010, ir-Regolament (UE) 1094/2010 u r-Regolament Nru (UE) 1095/2010 dwar it-tipi ta' miżuri u sanzjonijiet amministrattivi u l-livell ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi li jiġu applikati lil entitajiet obbligati kif hemm referenza fl-Artikolu 2(1)(1) u (2). Dawn il-linji giwda għandhom jinħarġu fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

4. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur imsemmi f'paragrafu 1 tal-Artikolu 56 li jsiru għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi jew waħedha jew bħala parti ta' organu ta' persuna legali, li għandha posizzjoni ewlenija fil-persuna ġuridika, bbażata fuq li ġej:

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

(b) awtorità li jieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

5. Minbarra l-każijiet lu hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 4 għamel possibbli

l-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 56 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

Artikolu 58

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jinkoraġġixxu r-rappurtar ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċevuta ta' rapporti dwar ksur u għas-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni xierqa għall-impjegati ta' istituzzjonijiet li jirrapportaw vjolazzjonijiet li twettqu fl-istituzzjoni;

(c) il-protezzjoni tad-dejta personali li tikkonċerna kemm lill-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll lill-persuna fiżika li hija allegatament responsabbli għall-ksur, skont il-prinċipji stipulati fid-Direttiva 95/46/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li entitajiet obbligati jkollhom fis-seħħ proċeduri xierqa biex l-impjegati tagħhom ikunu jistgħu jirrappurtaw ksur internament permezz ta' mezz speċifiku, indipendenti u anonimu.

KAPITOLU VII

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 59

Fi żmien erba' snin wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 60

Id-Direttivi 2005/60/KE u 2006/70/KE jitħassru b'effett minn [*daħħal id-data – jum wara d-data stipulata fl-ewwel subparagrafi tal-Artikolu 61*].

Ir-referenzi għad-Direttivi imħassra għandhom jinftehmu bħala li qed isiru għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 61

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [*sentejn wara l-adozzjoni*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 62

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 63

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Kunsill	*Għall-Parlament Ewropew*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

Din li jmiss hija lista mhux eżawrjenti tal-varjabbli tar-riskju li l-entitajiet obbligati għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiddeterminaw safejn japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijenti skont l-Artikolu 11(3):

(i) L-għan ta' kont jew relazzjoni;

(ii) Il-livell ta' assi li għandhom jiġu ddepożitati minn klijent jew id-daqs tat-tranżazzjonijiet imwettqa;

(iii) Ir-regolarità jew it-tul ta’ żmien tar-relazzjoni ta' negozju.

ANNESS II

Din li jmiss hija lista mhux eżawrjenti ta’ fatturi u t-tipi ta' evidenza ta' riskju potenzjalment aktar baxx imsemmi fl-Artikolu 14:

(1) Fatturi ta' riskju għall-klijenti:

(a) kumpaniji pubbliċi elenkati fil-Borża u soġġetti għar-rekwiżiti ta' żvelar (jew b'regoli tal-Borża jew permezz ta' liġi jew mezzi infurzabbli), li jimponu rekwiżiti biex tiġi żgurata trasparenza adegwata tas-sjieda benefiċjarja;

(b) amministrazzjonijiet jew impriżi pubbliċi;

(c) klijenti residenti f'żoni ġeografiċi ta' riskju aktar baxx kif stipulat fil-paragrafu (3).

(2) Il-fatturi ta' riskju tal-prodotti, is-servizzi, it-tranżazzjonijiet jew tal-kanali tal-kunsinna:

(a) poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja meta l-primjum ikun baxx;

(b) poloz tal-assigurazzjoni għal skemi tal-pensjonijiet jekk ma jkun hemm l-ebda għażla ta' rtirar bikri u l-polza ma tistax tintuża bħala kollateral;

(c) pensjoni, investiment għall-pensjoni jew skema simili li tipprovdi benefiċċji ta' rtirar lill-impjegati, fejn it-tali kontribuzzjonijiet isiru permezz ta' tnaqqis minn salarji, u r-regoli tal-iskema ma jippermettux l-assenjament tal-interess ta' membru fl-iskema;

(d) prodotti jew servizzi finanzjarji li jipprovdu servizzi ddefiniti u limitati kif xieraq għal ċerti tipi ta' klijenti, sabiex jiżdied l-aċċess għal fini ta' inklużjoni finanzjarja;

(e) prodotti fejn ir-riskju ta' ħasil tal-flus/finanzjament tat-terroriżmu huwa kkontrollat minn fatturi oħrajn bħal purse limits jew trasparenza tas-sjieda (eż. ċerti tipi ta' flus elettroniċi kif iddefiniti fid-Direttiva 2009/110/KE dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi).

(3) Il-fatturi ta' riskju ġeografiċi:

(a) Stati Membri oħrajn tal-UE;

(b) pajjiżi terzi li għandhom sistemi effettivi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;

(c) pajjiżi terzi identifikati minn sorsi kredibbli bħala li għandhom livell baxx ta' korruzzjoni jew attività kriminali oħra;

(d) pajjiżi terzi li huma soġġetti għar-rekwiżiti għal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet FATF, implimentaw b’mod effettiv dawk ir-rekwiżiti, u huma sorveljati b’mod effettiv

jew monitorjati skont ir-Rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

ANNESS III

Din li ġejja hija lista mhux eżawrjenti ta' fatturi u t-tipi ta' evidenza ta' riskju potenzjalment ogħla msemmija fl-Artikolu 16(3):

(4) Fatturi ta' riskju għall-klijenti:

(a) ir-relazzjoni ta' negozju titwettaq f'ċirkustanzi mhux tas-soltu;

(b) klijenti residenti fil-pajjiżi stipulati fi (3);

(c) persuni jew arranġamenti legali li huma vetturi personali ta' żamma ta' assi;

(d) kumpaniji li għandhom azzjonisti nominati jew ishma f'għamla ta' bearer;

(e) negozji li huma intensivi fil-flus kontanti;

(f) l-istruttura tas-sjieda tal-kumpanija tidher mhux tas-soltu jew kumplessa ż-żejjed meta wieħed iqis n-natura tan-negozju tal-kumpanija.

(5) Il-fatturi ta' riskju tal-prodotti, is-servizzi, it-tranżazzjonijiet jew tal-kanali tal-kunsinna:

(a) servizzi bankarji privati;

(b) prodotti jew tranżazzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu l-anonimità;

(c) relazzjonijiet ta' negozju jew tranżazzjonijiet mhux wiċċ imb'wiċċ;

(d) ħlas riċevut minn partijiet terzi mhux magħrufin jew mhux assoċjati;

(e) prodotti ġodda u prattiki ġodda ta' negozju, inkluż mekkaniżmu ġdid ta' kunsinna, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda jew li qed jiġu żviluppati kemm għal prodotti ġodda u dawk eżistenti minn qabel.

(6) Il-fatturi ta' riskju ġeografiċi:

(a) il-pajjiżi identifikati minn sorsi kredibbli, bħal stqarrijiet pubbliċi tal-FATF, rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka jew ta' valutazzjoni dettaljata jew rapporti ta' segwitu ppubblikati, bħala pajjiżi li ma għandhomx sistemi effettivi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) il-pajjiżi identifikati minn sorsi kredibbli bħala pajjiżi b'livelli notevoli ta' korruzzjoni jew attività kriminali oħra;

(c) il-pajjiżi soġġetti għal sanzjonijiet, embargos jew miżuri simili maħruġa minn, pereżempju, in-Nazzjonijiet Uniti;

(d) il-pajjiżi li jipprovdu finanzjament jew appoġġ għal attivitajiet terroristiċi, jew li għandhom organizzazzjonijiet terroristiċi stabbiliti li joperaw f'pajjiżhom.

ANNESS IV

Tabella ta' korrelazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 60.

Direttiva 2005/60/KE	Id-Direttiva preżenti
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
	l-Artikoli 6 sa 8
Artikolu 6	Artikolu 9
Artikolu 7	Artikolu 10
Artikolu 8	Artikolu 11
Artikolu 9	Artikolu 12
Artikolu 10(1)	Artikolu 10 quinquies
Artikolu 10(2)	-
Artikolu 11	Artikoli 13, 14 u 15
Artikolu 12	-
Artikolu 13	l-Artikoli 16 sa 23
Artikolu 14	Artikolu 24
Artikolu 15	-
Artikolu 16	Artikolu 25
Artikolu 17	-
Artikolu 18	Artikolu 26
	Artikolu 27
Artikolu 19	Artikolu 28
	Artikolu 29
	Artikolu 30

Artikolu 20	-
Artikolu 21	Artikolu 31
Artikolu 22	Artikolu 32
Artikolu 23	Artikolu 33
Artikolu 24	Artikolu 34
Artikolu 25	Artikolu 35
Artikolu 26	Artikolu 36
Artikolu 27	Artikolu 37
Artikolu 28	Artikolu 38
Artikolu 29	-
Artikolu 30	Artikolu 39
Artikolu 31	Artikolu 42
Artikolu 32	Artikolu 40
Artikolu 33	Artikolu 41
Artikolu 34	Artikolu 42
Artikolu 35	Artikolu 43
Artikolu 36	Artikolu 44
Artikolu 37	Artikolu 45
	Artikolu 46
Artikolu 37a	Artikolu 47
Artikolu 38	Artikolu 48
	l-Artikoli 49 sa 54
Artikolu 39	l-Artikoli 55 sa 58
Artikolu 40	-
Artikolu 41	-
Artikolu 41a	-
Artikolu 41b	-

Artikolu 42	Artikolu 59
Artikolu 43	-
Artikolu 44	Artikolu 60
Artikolu 45	Artikolu 61
Artikolu 46	Artikolu 62
Artikolu 47	Artikolu 63

Direttiva 2006/70/KE	Id-Direttiva preżenti
Artikolu 1	-
Artikolu 2(1), (2) u (3)	Artikolu 3(7)(d), (e) u (f)
Artikolu 2(4)	-
Artikolu 3	-
Artikolu 4	Artikolu 2(2) sa (8)
Artikolu 5	-
Artikolu 6	-
Artikolu 7	-